DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1616

tat-18 ta' Mejju 2018

dwar il-miżura SA.12594 (C13a/2003) (ex NN/2002) implimentata minn Franza favur Orange (France Telecom)

(notifikata bid-dokument C(2018) 2882)

(It-test bil-Franċiż biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

wara li l-partijiet interessati ġew mistiedna jressqu l-kummenti tagħhom skont dawn l-Artikoli ([1]) u wara li ġew ikkunsidrati dawn il-kummenti,

billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Il-proċedura amministrattiva

(1) B'ittra tal-31 ta' Jannar 2003, il-Kummissjoni infurmat lil Franza dwar id-deċiżjoni tagħha li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali prevista fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea ([2]) (minn hawn 'il quddiem "id-deċiżjoni tal-ftuħ") kontra l-miżuri finanzjarji stabbiliti mill-awtoritajiet Franċiżi favur France Télécom (minn hawn 'il quddiem "FT").

(2) Id-deċiżjoni tal-ftuħ ġiet innotifikata lil Franza fil-31 ta' Jannar 2003. Wara li saret korrezzjoni tal-iżbalji materjali, ġie nnotifikat corrigendum lil Franza fis-7 ta' Marzu 2003.

(3) Franza kkomunikat informazzjoni kumplimentari lill-Kummissjoni permezz tal-ittri tal-4 ta' April u tal-15 ta' Mejju 2003 u tad-29 ta' Jannar 2004.

(4) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tibda l-proċedura ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]). Il-Kummissjoni stiednet lil partijiet terzi interessati biex iressqu l-kummenti tagħhom dwar il-miżuri ta' għajnuna inkwistjoni.

(5) Il-Kummissjoni rċeviet l-osservazzjonijiet mill-partijiet interessati. Il-Kummissjoni għaddiet dawn il-kummenti lil Franza fis-16 ta' Mejju 2003. Din irċeviet il-kummenti tagħha permezz ta' ittri tat-30 ta' Ġunju 2003 u tad-29 ta' Lulju 2003.

(6) Fit-30 ta' Mejju 2003, il-Kummissjoni ppubblikat avviż ta' kuntratt għal "provvista ta' servizzi ta' assistenza għall-evalwazzjoni tal-konformità tal-għajnuna finanzjarja mogħtija lil FT mal-prinċipju tal-investitur privat f'ekonomija tas-suq u għall-analiżi eventwali tal-pjan ta' rkupru ta' FT" ([4]). Fl-24 ta' Settembru 2003, il-kuntratt għall-provvista ta' servizzi ingħata lil NERA (minn hawn 'il quddiem "NERA" jew "il-konsulent").

(7) Il-Kummissjoni bagħtet lill-awtoritajiet Franċiżi r-rapport NERA tat-28 ta' April 2004 (minn hawn 'il quddiem "ir-rapport NERA"), li fih parti legali u parti ekonomika. Fid-9 u l-21 ta' Ġunju 2004, l-awtoritajiet Franċiżi r-ressqu l-kummenti tagħhom dwar ir-rapport NERA.

([1]) ĠU C 57, 12.3.2003, p. 5.
([2]) B'effett mill-1 ta' Diċembru 2009, l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE saru l-Artikoli 107 u 108, rispettivament, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa (TFUE). Fiż-żewġ każijiet id-dispożizzjonijiet huma, fis-sustanza tagħhom, identiċi. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, ir-referenzi għall-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE għandhom jinftiehmu, jekk ikun il-każ, bħala referenzi għall-Artikoli 87 u 88 rispettivament tat-Trattat dwar il-KE.
([3]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 1.
([4]) 2003/S 103-091487.

(8) Fit-3 ta' Awwissu 2004, il-Kummissjoni nnotifikat lill-awtoritajiet Franċiżi bid-deċiżjoni tagħha tat-2 ta' Awwissu 2004 li tiddikjara li s-self ta' azzjonist mogħti minn Franza lil France Télécom f'Diċembru 2002 fil-forma ta' linja ta' kreditu ta' EUR 9 biljun huwa għajnuna mill-Istat li hija inkompatibbli mas-suq intern ([5]).

1.2. **Proċeduri ġudizzjarji wara d-deċiżjoni tat-2 ta' Awwissu 2004**

(9) Ir-Repubblika Franċiża, FT u l-intrapriżi Bouygues ippreżentaw ilkoll rikors għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni. B'sentenza tal-21 ta' Mejju 2010, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni ([6]). Il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-Kummissjoni ma wrietx li t-tħabbira tal-4 ta' Diċembru 2002 kienet tinvolvi trasferiment ta' riżorsi tal-Istat.

(10) Il-Kummissjoni u l-intrapriżi Bouygues ressqu appell kontra s-sentenza tal-21 ta' Mejju 2010. B'sentenza tad-19 ta' Marzu 2013 (minn hawn 'il quddiem "is-sentenza Bouygues"), il-Qorti annullat is-sentenza tal-21 ta' Mejju 2010 u rreferiet il-kawżi T-425/04, T-444/04 u T-450/04 quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tiddeċiedi dwar il-motivi ssollevati u t-talbiet imressqa lilha u li ma kinitx tkellmet dwarhom ([7]).

(11) F'dan ir-rigward, il-Qorti sabet li l-Kummissjoni, fid-deċiżjoni kkontestata, ma ħaditx pożizzjoni dwar l-argument imqajjem mill-intrapriżi Bouygues fl-ilment tagħhom tat-22 ta' Jannar 2003, li skont dan ir-raġunar, id-dikjarazzjonijiet maħruġa minn Lulju 2002 'il quddiem jikkostitwixxu, fihom infushom, għajnuna mill-Istat.

(12) Imbagħad, il-Qorti ddeċidiet li, peress li l-interventi tal-Istat ikollhom diversi forom u għandhom jiġu analizzati f'termini tal-effetti tagħhom, ma jistax jiġi eskluż li diversi interventi konsekuttivi tal-Istat ikollhom, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, jitqiesu bħala intervent wieħed.

(13) Il-Qorti kkonkludiet li, billi kienet ikkunsidrat li kien jenħtieġ jiġi identifikat tnaqqis fil-baġit tal-Istat jew riskju ekonomiku suffiċjentament konkret ta' piżijiet li jaqgħu fuq dan il-baġit marbut mill-qrib u li jikkorrispondi, jew li jagħmel tajjeb, għal vantaġġ speċifiku riżultanti kemm mill-avviż tal-4 ta' Diċembru 2002 kif ukoll mis-self minn azzjonist tal-20 ta' Diċembru 2002, il-Qorti Ġenerali wettqet żball fil-liġi meta applikat kriterju ta' natura li jeskludi mill-ewwel li dawn l-interventi statali jistgħu, abbażi tar-rabtiet bejniethom u tal-effetti tagħhom, jitqiesu bħala intervent wieħed. Kuntrarjament, il-Kummissjoni kienet korretta fid-deċiżjoni tagħha li teżamina dawn iż-żewġ miżuri flimkien, peress li kien jidher ċar li l-ewwel waħda ma setgħetx tinfired mit-tieni.

(14) Fis-sentenza tat-2 ta' Lulju 2015, il-Qorti Ġenerali sabet li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni kienet ivvizzjata minn żbalji ta' liġi u minn żbalji ovvji ta' valutazzjoni fir-rigward tal-applikazzjoni tal-kriterju tal-investitur privat diliġenti ([8]). Dan għalhekk annulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

(15) Il-Kummissjoni ressqet appell kontra dik is-sentenza. Dan l-appell ġie miċħud mill-Qorti b'sentenza tat-30 ta' Novembru 2016 ([9]).

(16) Għaldaqstant, il-Kummissjoni għandha tikkonkludi permezz ta' deċiżjoni ġdida l-proċedura ta' investigazzjoni formali prevista fl-Artikolu 108(2) tat-TFUE, li nfetħet fil-31 ta' Jannar 2003.

2. **DESKRIZZJONI TAL-FATTI**

(17) FT, operatur u fornitur ta' netwerks u ta' servizzi tat-telekomunikazzjonijiet, kienet ġiet stabbilita matul is-sena 1991 fil-forma ta' persuna ġuridika taħt id-dritt pubbliku u kellha, sa mill-31 ta' Diċembru 1996, l-istatus ta' intrapriża b'responsabbiltà limitata. Sa mix-xahar ta' Ottubru 1997, FT ġiet ikkwotata fil-Borża. Matul is-sena 2002, is-sehem tal-Istat Franċiż fil-kapital ta' FT kien jammonta għal 56,45 %, il-kumplament tal-ishma kien diviż bejn il-pubbliku (32,25 %), FT innifisha (8,26 %) u l-impjegati tal-impriża (3,04 %). FT bidlet l-isem tal-intrapriża fl-1 ta' Lulju 2013 biex issir Orange.

(18) Deskrizzjoni dettaljata tas-sitwazzjoni finanzjarja ta' FT tinsab fil-premessi 16 sa 61 tad-deċiżjoni annullata tat-2 ta' Awwissu 2004.

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/621/KE tat-2 ta' Awwissu 2004 dwar l-għajnuna mill-Istat implimentata minn Franza għal France Télécom (ĠU L 257, 30.9.2006, p. 11).

([6]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' Lulju 2015, Franza vs il-Kummissjoni, T-425/04, T-444/04, T-450/04 et T-456/04, ECLI:EU:T:2010:216.

([7]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Marzu 2013, Bouygues u Bouygues Télécom vs il-Kummissjoni e. a. U l-Kummissjoni vs Franza e. a., C-399/10 P u C-401/10 P, ECLI:EU:C:2013:175.

([8]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' Lulju 2015, Franza u Orange vs il-Kummissjoni, T-425/04 RENV u T-444/04 RENV, ECLI:EU:T:2015:450.

([9]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-30 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni vs Franza u Orange, C-486/15 P, ECLI:EU:C:2016:912.

2.1. **Is-sitwazzjoni finanzjarja ta' FT fl-ewwel nofs tal-2002 u l-avvenimenti ta' dan il-perjodu**

(19) L-analiżi, fid-dawl tar-regoli tal-għajnuna mill-Istat, tal-imġiba tal-Istat għandha titwettaq abbażi tad-data u tal-informazzjoni disponibbli fiż-żmien ta' kull intervent mill-Istat. Peress li l-każ preżenti jirrigwarda avvenimenti li ġraw fl-2002, huwa imperattiv li tittieħed stampa kronoloġika tal-informazzjoni disponibbli mill-pubblikazzjoni tar-riżultati tal-2001 'il hawn.

(20) FT kienet, sa minn kmieni f'Ġunju 2002, intrapriża bi problemi strutturali serji u b'karta tal-bilanċ żbilanċjata. Il-kontijiet għas-sena 2001 wrew progress fir-riżultati operattivi kif ukoll likwidità sostanzjali.

(21) Fil-21 ta' Marzu 2002, FT kellha tħabbar mhux biss *tindif sinifikanti* fil-karta tal-bilanċ tagħha permezz ta' dispożizzjonijiet ta' kontabbiltà u disponimenti ta' EUR 27,2 biljuni, iżda wkoll żieda sinifikanti fil-flussi ta' flus kontinġenti disponibbli ta' EUR 14-il biljun għall-perjodu 2002-2005.

2.1.1. *Il-klassifikazzjoni ta' FT*

(22) Fl-ewwel nofs tal-2002, is-sitwazzjoni ta' FT iddeterjorat malajr, u wasslet għal tniżżil sussegwenti fil-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-intrapriża. Għalhekk, fis-27 ta' Marzu 2002, l-aġenzija tal-klassifikazzjoni Moody's ħabbret deterjorament fil-klassifikazzjoni ta' FT minħabba dejn fit-tul. Fit-28 ta' Marzu 2002, Standard & Poor's ("S&P") żammet il-klassifikazzjoni ta' FT iżda niżżlet il-perspettiva tagħha għal livell negattiv wara l-aħbarijiet dwar Mobilcom ([10]).

(23) Fit-13 ta' Mejju 2002, Moody's, li kellha dubji dwar il-ħila tal-Intrapriża li twettaq l-istrateġija tagħha dwar it-tnaqqis fid-dejn, ħabbret deterjorament possibbli tal-klassifikazzjoni tad-dejn fuq żmien qasir ta' FT. Fl-14 ta' Mejju 2002, Standard & Poor's żammet il-klassifikazzjoni eżistenti ta' FT.

(24) Fl-24 ta' Ġunju 2002, il-klassifikazzjoni ta' FT ta' Moody's iddeterjorat. Il-perspettiva għall-klassifikazzjoni tal-Intrapriża nżammet f'livell negattiv. Id-deċiżjoni ta' Moody's għalhekk kienet immotivata mill-fatt li l-aġenzija ma kinitx qed tistenna li FT tkun f'pożizzjoni li tiġġenera flussi ta' flus kontinġenti suffiċjenti biex tnaqqas id-dejn ikkonsolidat tal-grupp. L-aġenzija tal-klassifikazzjoni nnotat li FT kienet qed taffaċċja dejn ta' madwar EUR 15-il biljun li mmatura fl-2003.

(25) Fil-25 ta' Ġunju 2002, Standard & Poor's niżżlet il-klassifikazzjoni tad-dejn ta' FT fuq żmien qasir u twil billi mmotivat id-deċiżjoni tagħha bid-diffikultajiet li jirrigwardaw lil Mobilcom u l-inabbiltà ta' FT li tnaqqas b'mod suffiċjenti id-dejn b'mod rapidu biżżejjed. S&P tirreferi wkoll għad-dejn ta' EUR 15 biljun li mmatura fis-sena 2003.

(26) Fit-12 ta' Lulju 2002, Standard & Poor's irrapportaw ukoll problema potenzjali fil-finanzjament mill-ġdid tad-dejn li mmatura fl-2003.

(27) It-tabella tagħti sommarju tal-pożizzjonijiet differenti ta' S&P, Moody's u Fitch fir-rigward tal-klassifikazzjoni ta' FT:

Avvenimenti relatati mal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu

	S&P		Moody's		Fitch	
	Żmien qasir	Żmien twil	Żmien qasir	Żmien twil	Żmien qasir	Żmien twil
Is-sitwazzjoni f'Mejju 2002	A2	BBB+	P2	Baa1	F2	BBB+
24 Ġunju 2002			P3	Baa3		
25 Ġunju 2002	A3	BBB				
5 Lulju 2002					F3	BBB-
12 Lulju 2002		BBB-				

Sors: NERA

([10]) Id-dħul fil-kapital ta' Mobilcom f'ċirkostanzi diffiċli b'ammont ta' investiment ta' ekwità għoli ħafna ta' EUR 3,7 biljuni għal 28,5 % tal-kapital, ivvalorizza lill-operatur daqs 80 darba iktar mill-EBITDA tiegħu (kontra l-valutazzjoni tas-suq tal-ishma ta' madwar 65 darba iktar mill-EBITDA qabel ix-xiegħat dwar l-operazzjoni). Fis-sajf 2002 sar awditu dwar il-perspettiva għal Mobilcom li enfasizza l-fraġilità estrema tal-intrapriża u l-impossibbiltà ovvja li jsir ritorn fuq l-investiment (Rapport f'isem il-kumitat ta' inkjesta dwar il-ġestjoni tal-intrapriżi pubbliċi sabiex tittejjeb is-sistema tat-teħid tad-deċiżjonijiet, irreġistrata fil-presidenza tal-Assemblea Nazzjonali fit-3 ta' Lulju 2003).

2.1.2. *Il-prezz tal-ishma ta' FT*

(28) Fl-istess waqt, il-prezz tal-ishma ta' FT waqa' b'mod sinifikanti matul l-ewwel nofs tal-2002 u laħaq l-iktar livell baxx tiegħu għall-ewwel darba fis-27 ta' Ġunju 2002 (EUR 7,79), u għat-tieni darba fit-30 ta' Settembru 2002 (EUR 6,01).

2.2. **L-avvenimenti ta' Lulju 2002**

(29) F'intervista ppubblikata ma' Les Echos fit-12 ta' Lulju 2002, il-Ministru Franċiż għall-Ekonomija, il-Finanzi u l-Industrija (minn hawn 'il quddiem "Ministru għall-Ekonomija u l-Finanzi") ddikjara u kkonferma diversi drabi li jekk FT ikollha problemi ta' finanzjament, l-Istat jieħu l-miżuri meħtieġa biex jegħlibhom. B'mod aktar preċiż, it-test ippubblikat huwa dan:

"Semmejt l-eċċessi tas-swieq. Il-prezz fil-borża ta' France Telecom huwa volatili ħafna. Int l-azzjonist maġġoritarju ta' din l-intrapriża, għandek xi messaġġ x'tibgħat?

Aħna l-azzjonist maġġoritarju, b'55 % tal-kapital, imma ovvjament din b'ebda mod mhi kwistjoni ta' "rinazzjonalizzazzjoni" tal-intrapriża, kif smajt f'xi nħawi. Inħossni responsabbli mill-interessi kapitali tal-Istat. L-azzjonist tal-Istat għandu jaġixxi bħala investitur diliġenti, u jekk France Telecom ikollha xi diffikultajiet, aħna nieħdu l-miżuri x-xierqa.

L-Istat ġie nnotifikat billi ħalla France Telecom tidħol fid-dejn, pereżempju billi bdiet impenji fil-Ġermanja?

Mhux kompitu tiegħi li nikkritika lill-predeċessuri tiegħi. Ninnota li s-settur kollu kellu l-istess strateġija fl-istess waqt. Minkejja dan, ir-rieda ideoloġika li tinżamm il-maġġoranza tal-kapital ma ffaċilitatx l-internazzjonalizzazzjoni ta' France Telecom, li ma setgħetx tixtri intrapriżi bil-"karta". Minn hemm id-dejn. Nirrepeti li kieku France Telecom kellha problemi ta' finanzjament, li llum mhuwiex il-każ, l-Istat kien jieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa biex jegħlibhom.

Qed tqajjem xniegħat ta' żieda fil-kapitali…

Le, xejn affattu! Sempliċement qed ngħid li se nieħdu l-miżuri xierqa fil-ħin. Jekk ikun meħtieġ…" ([11]).

(30) Fl-istess data, S&P niżżlet il-klassifikazzjoni ta' FT għal-livell BBB-. Dan it-tniżżil kien, madankollu, limitat għal klassifikazzjoni bi grad ta' investiment sigur: kwalunkwe tniżżil ulterjuri kien iwassal biex id-dejn tal-Intrapriża jiġi kklassifikat bħala bond spekulattiv ("junk bond"), li jfisser li d-dejn ma jkunx aktar ikklassifikat fil-grad ta' investiment sigur.

(31) Fl-istqarrija għall-istampa tagħha tat-12 ta' Lulju 2002, S&P iddikjarat li r-raġuni li ddeċidiet li żżomm lil FT fil-grad ta' investiment sigur kienet l-indikazzjoni tal-Istat fir-rigward tal-intenzjonijiet tiegħu fir-rigward tal-Intrapriża: "FT could face certain difficulties refinancing its debt obligations coming due in 2003. Nevertheless, the State's indication underpins France Télécom's investment-grade credit quality." ("FT tista' taffaċċja xi diffikultajiet biex tiffinanzja mill-ġdid l-obbligi tad-dejn tagħha li se jiskadu fl-2003. Madankollu, l-indikazzjoni tal-Istat hija l-bażi tal-kwalità ta' kreditu tal-grad ta' investiment ta' FT."). Din l-assigurazzjoni kienet ingħatat, fuq naħa, direttament mill-gvern Franċiż lil S&P: *"the French State — which owns 55 % of France Télécom — has clearly indicated to Standard & Poor's that it will behave as an aware investor and would take appropriate steps if France Télécom were to face any difficulties. France Télécom LT rating cut to BBB-."* (*"l-Istat Franċiż — li huwa s-sid ta' 55 % ta' France Télécom — indika b'mod ċar lil Standard & Poor li kien se jaġixxi ta' investitur diliġenti u li se jieħu miżuri xierqa jekk FT jkollha xi diffikultajiet. Il-klassifikazzjoni fit-tul ta' France Télécom imwaqqa' għal-livell BBB-."* ([12])) u, min-naħa l-oħra, pubblikament fl-intervista msemmija fil-premessa 29.

(32) Fid-dawl ta' dan imsemmi hawn fuq, jidher li f'Lulju 2002, FT kienet soġġetta għal kriżi ta' kunfidenza. L-aġenziji tal-klassifikazzjoni u l-analisti kienu konvinti li FT kienet f'riskju li tista' ma tkunx tista' timplimenta l-pjan ta' rifinanzjament ippreżentat mill-maniġment biex jissodisfa d-dati tal-maturità. FT għalhekk kellha taffaċċja problema akuta ta' finanzjament relatata mad-dejn tagħha. Madankollu, l-aġenziji żammew il-klassifikazzjoni tal-Intrapriża fil-grad ta' investiment sigur, filwaqt li qiesu l-indikazzjonijiet mogħtija mill-Istat. It-tniżżil fil-klassifikazzjoni għal livell aktar baxx kien ikompli jaggrava din il-kriżi u jnaqqas ir-riżorsi tal-Intrapriża biex taffaċċjaha.

([11]) Les Echos Nru 18695, Franza, 12 ta' Lulju, 2002, p. 2.
([12]) *Off Watch; Outlook Stable; Teleconf 3:30 PM BST Illum*, Standard & Poor's Ratings Direct, 12 ta' Lulju 2002.

2.3. **Data ppubblikata mit-13 ta' Settembru 2002 u l-avvenimenti ta' dan il-perjodu**

2.3.1. *Data mit-13 ta' Settembru 2002*

(33) F'Settembru 2002, il-kontijiet ta' nofs is-sena ta' FT urew żieda fil-figuri ta' FT fl-ewwel nofs tal-2002 meta mqabbla mas-sena preċedenti: tkabbir ta' 10 % fil-fatturat, ta' 13,2 % fl-EBITDA u ta' 17,3 % fir-redditu operatorju. Naraw ukoll it-tkabbir sostnut fit-telefonija mobbli u prestazzjoni aħjar fl-attività tal-Internet. Madankollu, ir-redditu operatorju mis-segment ta' telefonija fissa fi Franza, li ammonta għal 31 % tal-bejgħ għall-istess perjodu, naqas bi 12,2 %. Ir-riżultati wara l-ispejjeż finanzjarji (EUR 1,75 biljun), imma qabel it-taxxi, l-ishma u l-interessi minoritarji, minbarra elementi eċċezzjonali, kienu ta' EUR 718 miljun b'kuntratt ma' EUR 271 miljun fit-30 ta' Ġunju 2001. Il-flussi ta' flus kontinġenti liberi operattivi telgħu sa EUR 3,6 biljuni, b'żieda ta' 15 % meta mqabbel mal-ewwel nofs tal-2001.

(34) Minbarra r-riżultati operattivi tajba deskritti hawn fuq, FT ikkonfermat l-iżbilanċ fil-qagħda finanzjarja tagħha. Ir-riżultat negattiv ta' EUR 12,2 biljuni tat-30 ta' Ġunju 2002 huwa prinċipalment relatat mal-provvedimenti sinifikanti magħmula għall-investimenti. B'riżultat ta' telf sa nofs is-sena bħal dan, il-fondi proprji kkonsolidati ta' FT saru negattivi fit-30 ta' Ġunju 2002, u ammontaw għal EUR 440 miljun.

(35) Analiżi tal-flussi ta' flus kontinġenti tat-30 ta' Ġunju 2002 turi li d-dejn nett żdied fl-ewwel nofs tal-2002 b'EUR 6,3 biljuni, peress li l-EBITDA, li tirrappreżenta EUR 6,870 biljun, ma tkoprix l-ispejjeż rappreżentati minn:

— l-imgħax fuq id-dejn (EUR 3 099 miljun),

— l-investimenti (EUR 3 820 miljun),

— ir-riakkwist ta' ishma ta' FT f'VODAFONE (EUR 4 973 miljun),

— ir-riakkwist ta' ishma ta' Orange f'E.On (EUR 950 miljun), u

— il-ħlas tat-taxxa (EUR 608 miljuni).

(36) Fuq dejn nett ta' EUR 69,69 biljun fit-30 ta' Ġunju 2002, il-biċċa l-kbira hija obbligazzjonarja, jiġifieri ammont ta' EUR 50,6 biljuni.

(37) Il-maturità ta' dan id-dejn hija kkaratterizzata mit-tul qasir tagħha, jiġifieri EUR 12,9 biljuni li jimmaturaw fl-2003. Fl-ewwel nofs tal-2004, kien mistenni jimmatura ammont ta' EUR 11,9 biljuni, fit-tieni nofs tal-2004, ammont ta' EUR 5,4 biljuni u matul l-2005, fl-aħħar, ammont ta' EUR 18,6 biljuni.

(38) B'riżultat ta' dan, fil-perspettiva ta' Settembru 2002, FT affaċċjat dejn dovut matul il-perjodu 2003-2005 li ammonta għal EUR 48,9 biljuni.

2.3.2. *L-avvenimenti ta' Settembru u Ottubru 2002*

(39) Fit-12 ta' Settembru 2002, l-awtoritajiet Franċiżi ħabbru li kienu aċċettaw ir-riżenja tal-president u kap eżekuttiv ta' FT.

(40) Fit-13 ta' Settembru, il-Gvern tenna fi stqarrija għall-istampa l-appoġġ tiegħu għal FT u ddikjara b'mod espliċitu li kien iddeċieda li jipparteċipa f'operazzjoni futura ta' rinfurzar tal-fondi proprji ta' TF: "*… Wara t-telf eċċezzjonali nnotat fl-ewwel nofs tas-sena, France Télécom qed taffaċċja nuqqas serju fil-fondi proprji tagħha. … Il-Gvern huwa għalhekk determinat li jwettaq ir-responsabilitajiet kollha tiegħu… Il-president il-ġdid se jipproponi lill-bord tad-diretturi pjan ta' rkupru għall-kontijiet, li jippermetti li jitnaqqas id-dejn u li terġa' tiġi stabbilita l-istruttura finanzjarja tagħha, filwaqt li jibqa' jżomm l-assi strateġiċi tiegħu. L-Istat se jappoġġja lil France Télécom fl-implimentazzjoni ta' dan il-pjan u se jikkontribwixxi, min-naħa tiegħu, għal rinfurzar sostanzjali ħafna tal-fondi proprji tal-intrapriża, fi skeda u skont proċeduri li għandhom jiġu ddeterminati skont il-kondizzjonijiet tas-suq. Sadanittant, l-Istat se jieħu, jekk dan ikun meħtieġ, miżuri biex jevita lill-intrapriża kwalunkwe problema ta' finanzjament* ([13])".

(41) Fl-istess jum, l-aġenzija Moody's biddlet il-perspettiva tad-dejn ta' FT minn negattiva għal stabbli minħabba l-konferma tal-Istat Franċiż rigward l-impenn tiegħu ta' sostenn għal FT ([14]).

([13]) Stqarrija għall-istampa tal-Ministru għall-Ekonomija u l-Finanzi tat-13 ta' Settembru 2002, is-sitwazzjoni Finanzjarja ta' France Télécom.

([14]) Moody's Investors Services, 13 ta' Settembru 2002. Il-parti rilevanti tal-istqarrija għall-istampa tgħid li *"Moody's kompliet isserraħ rasha iżjed bid-dikjarazzjoni tal-Gvern, li għal darb'ohra kkonferma l-appoġġ qawwi tiegħu għal FT. Filwaqt li t-tħassib ta' Moody's dwar il-livell ġenerali ta' riskju finanzjarju u partikolarment dwar il-pożizzjoni dgħajfa tal-likwidità ta' FT għadu jippersisti, Moody's qed tħossha aktar komda bl-istennija li l-Gvern Franċiż se jaġixxi b'mod favorevoli jekk FT tibda taffaċċja diffikultajiet fl-iskeda tal-ħlas lura tad-dejn tagħha."*.

(42) Fit-2 ta' Ottubru 2002, fi stqarrija għall-istampa, il-Gvern tenna l-impenji tiegħu: "*Il-President se jniedi minnufih l-ewwel inventarju tal-intrapriża u r-riżultati tiegħu se jiġu kkomunikati lill-Bord tad-Diretturi… u bihsiebu jibni fuqhom pjan ta' rkupru finanzjarju u ta' żvilupp strateġiku li jippermetti li jitnaqqas id-dejn tal-intrapriża filwaqt li jissaħħu l-aspetti sodi kollha tagħha. F'dan il-kuntest, Thierry Breton se jkollu l-appoġġ tal-azzjonist tal-Istat li huwa determinat li jwettaq ir-responsabbiltajiet kollha tiegħu. L-Istat se jappoġġja l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' rkupru u se jikkontribwixxi, min-naħa tiegħu, għat-tisħiħ tal-fondi proprji tal-intrapriża b'termini li għandhom jiġu determinati f'kooperazzjoni mill-qrib mal-President tal-intrapriża u mal-Bord tad-Diretturi. Kif diġà indikat, sadanittant l-Istat se jieħu, jekk dan ikun meħtieġ, miżuri biex jevita lill-intrapriża kwalunkwe problema ta' finanzjament* ([15])".

(43) Il-prezz tal-ishma ta' FT irkupra fit-2 ta' Ottubru 2002 (żieda ta' aktar minn 10,4 % fuq il-ġimgħa tat-2 ta' Ottubru) wara t-tħabbira tal-ħatra tal-maniġment il-ġdid.

2.4. **L-avvenimenti ta' Diċembru 2002 u Jannar 2003 u l-pjan "Ambition FT 2005"**

(44) Fl-4 ta' Diċembru 2002, ġie ppreżentat il-pjan ta' azzjoni "Ambition FT 2005 ([16])" (minn hawn 'il quddiem "il-pjan Ambition 2005") mill-maniġment il-ġdid ta' FT sabiex jiġi żgurat titjib sinifikanti fil-prestazzjoni operattiva tal-Intrapriża u fil-perspettivi ta' redditu sodisfaċenti fuq il-fondi proprji investiti. Għalhekk, l-objettivi fuq perjodu medju kienu li jiġu affaċċjati l-ħtiġijiet finanzjarji ta' FT u li jinkiseb tnaqqis fid-dejn nett u rikostituzzjoni tal-fondi proprji.

(45) Il-pjan ta' azzjoni kien ibbażat fuq il-komponenti li ġejjin: (i) il-Pjan Totali ta' Prestazzjoni Operattiva (minn hawn, "pjan TOP"), li ppreveda li FT kellha tiġġenera riżorsi proprji addizzjonali ta' EUR 15 biljun fi flussi ta' flus; (ii) l-azzjonisti, li ntalbu jsaħħu l-fondi proprji b'EUR 15-il biljun; u (iii) is-swieq tal-bonds u dawk bankarji, li ntalbu jfornu l-ammont ekwivalenti ta' EUR 15 biljun.

(46) Rigward ir-riżorsi proprji, il-pjan TOP jinkludi miżuri ta' tfaddil intern imfassla biex itejbu l-prestazzjoni operattiva tal-Intrapriża u biex iżidu l-fluss ta' flus kontinġenti disponibbli għat-tnaqqis tad-dejn sa EUR 15-il biljun sal-2005, issupplimentati b'miżuri ta' disponiment tal-assi. Il-pjan TOP huwa l-pilastru ewlieni tal-pjan ġenerali ta' rkupru ta' FT u għandu juri r-rieda tal-intrapriża li tikkontribwixxi b'mod sinifikanti u rapidu għall-isforzi meħtieġa biex din terġa' lura għal sitwazzjoni ta' dejn normali għal dan is-settur qabel tmiem l-2005. Fir-rigward taż-żieda fil-fluss ta' flus kontinġenti fuq tliet snin, il-pjan TOP jissarraf fi tnaqqis u ottimizzazzjoni tal-investimenti (minn 40 % sa 45 % ta' tfaddil); tnaqqis fl-ispejjeż operattivi (minn 35 % sa 40 % ta' tfaddil); u ottimizzazzjoni tal-ħtiġijiet tal-kapital operatorju (minn 20 % sa 25 % ta' tfaddil).

(47) Il-pjan TOP għandu implikazzjonijiet konsiderevoli fuq il-ġestjoni u l-organizzazzjoni tal-intrapriża b'mod partikolari f'termini ta' spejjeż operattivi u ta' impjiegi u speċjalment ta' investiment. Dan jipprevedi tkabbir annwali fil-fatturat, fl-EBITDA u fil-fluss ta' flus kontinġenti operattivi għall-perjodu 2003-2005.

(48) Il-pjan għad-disponiment tal-assi huwa konformi mat-tkomplija tad-disponimenti diġà mwettqa minn FT biex tirristruttura l-ambitu tal-attivitajiet tagħha ta' matul is-sena 2001. L-objettiv tiegħu huwa li jimminimizza l-livell tad-dejn mingħajr ma jxekkel il-kapaċità tal-intrapriża li tiġġenera fluss dejjem jikber ta' flus kontinġenti disponibbli. L-ilħuq ta' dan l-objettiv timplika strateġija biex l-intrapriża tiffoka mill-ġdid fuq in-negozju ewlieni tagħha, mingħajr ma tqiegħed f'dubju l-vokazzjoni ta' FT li tkun operatur tat-telekomunikazzjonijiet li jintegra s-servizzi tat-telekomunikazzjonijiet kollha.

(49) Fir-rigward tat-tisħiħ tal-fondi proprji ta' FT, dan għandu jinkiseb permezz ta' żieda sinifikanti fil-kapital. Il-kontribuzzjoni mill-Istat u minn azzjonisti privati oħrajn se tkun proporzjonali għas-sehem tal-kapital li għandhom u se tkun ta' EUR 9 biljun u EUR 6 biljun rispettivament.

(50) Għal dan il-għan, l-Istat u FT laqqgħu sindikat bankarju, li ntrabat li jiggarantixxi, meta jasal iż-żmien, it-tlestija b'suċċess tal-parti miż-żieda fil-kapital maħsuba għall-investituri privati. L-istess bħad-deċiżjoni ta' investiment tal-Istat, l-impenn tal-banek kien soġġett għall-avviż lis-suq dwar pjan meqjus kredibbli li jkopri l-miżuri ta' ġestjoni u inflezzjonijiet strateġiċi li aktarx jikkonvinċu lis-suq kif ukoll previżjonijiet ta' flus kontanti li juru perspettiva ta' fluss ta' flus disponibbli.

(51) L-Istat u l-investituri privati li jipparteċipaw fl-operazzjoni tat-tisħiħ tal-fondi proprji, abbażi tal-pjan TOP, setgħu jistennew rati ta' redditu fuq il-kapital li jvarjaw minn 16,7 % fl-2004 sa 21,5 % fl-2005, bis-saħħa tar-riżultati operattivi ta' FT ta' EUR 11,1 biljun u EUR 13,9 biljun rispettivament fl-2004 u fl-2005.

([15]) Stqarrija għall-istampa tal-Ministru għall-Ekonomija u l-Finanzi tat-2 ta' Ottubru 2002.
([16]) Stqarrija għall-istampa ta' FT tal-5 ta' Diċembru 2002, p. 1.

(52) Skont l-awtoritajiet Franċiżi, it-tisħiħ tal-fondi proprji ma setax jitwettaq minnufih, minħabba raġunijiet prinċipalment marbuta mas-sitwazzjoni ġenerali fis-swieq finanzjarji, b'mod partikolari fir-rigward tat-titoli tat-telekomunikazzjoni, iżda wkoll minħabba raġunijiet marbuta mal-iskadenzi tekniċi meħtieġa biex titnieda operazzjoni bħal din, bħall-konvokazzjoni ta' laqgħa ġenerali straordinarja u l-approvazzjoni tal-kontijiet finanzjarji annwali meħtieġa għal tali operazzjoni.

(53) L-awtoritajiet Franċiżi enfasizzaw ukoll li jkun tajjeb kemm għal FT kif ukoll għall-azzjonisti tagħha li operazzjoni bħal din titwettaq wara li s-suq ikun integra bis-sħiħ il-perspettivi ta' titjib operazzjonali previsti u vvaluta wkoll l-ewwel riżultati jew sinjali tanġibbli.

(54) F'dawn iċ-ċirkostanzi, u sabiex jagħtu lil FT il-flessibbiltà meħtieġa biex tniedi operazzjoni fis-suq fl-aħjar kondizzjonijiet, l-awtoritajiet Franċiżi esprimew ir-rieda tagħhom bħala azzjonist maġġoritarju li jantiċipaw il-parteċipazzjoni tagħhom fit-tisħiħ tal-fondi proprji u, għal dan il-għan, li jiżguraw li jitqiegħed għad-dispożizzjoni ta' FT self minn azzjonist temporanju fil-forma ta' linja ta' kreditu u li l-ammont tiegħu, jekk jiġi prelevat minn FT, ikollu jiġi kkonsolidat fiż-żmien tal-ħruġ ta' fondi proprji ġodda. L-ammont massimu ta' fondi li jistgħu jkunu disponibbli f'self għal FT kien ta' EUR 9 biljuni u kien jikkorrispondi għall-ammont ta' parteċipazzjoni mill-Istat fit-tisħiħ futur tal-fondi proprji. Il-konverżjoni ta' dan is-self f'titoli kienet obbligatorja malli titwettaq l-operazzjoni tat-tisħiħ tal-fondi proprji.

(55) Il-pjan ta' azzjoni kien jipprevedi li s-self seta' jingħibed biss, jekk ikun meħtieġ, skont il-ħtiġijiet tal-intrapriża fid-dawl tal-pjan ta' likwidità tagħha. Is-self se jkun ukoll remunerat skont il-kondizzjonijiet prevalenti tas-suq u l-imgħax se jkun ikkapitalizzat. B'hekk jidher li l-għoti u l-forniment tas-self minn azzjonist ma kienx se jitħallas bħala tali u li kien se jkun biss il-prelevament bil-quddiem li kien se jkun soġġett għal rata ta' imgħax li tkun ugwali għal Euribor flimkien ma' marġni determinata b'referenza għall-ispreads medji rreġistrati f'dak iż-żmien fuq l-erba' linji ta' bonds ewlenin ta' FT meta mqabbla mar-rata tal-iswaps korrispondenti, b'żieda ta' 1 %. Huwa previst li, irrispettivament mid-data li fiha jsir dan il-prelevament, il-marġni applikabbli għall-prelevament se jiżdiedu b'mod awtomatiku b'0,35 % mis-6 xahar ta' wara d-data tal-ewwel prelevament u b'0,7 % mit-12 il-xahar ta' wara d-data tal-ewwel prelevament. L-awtoritajiet Franċiżi enfasizzaw f'dan ir-rigward li l-kondizzjonijiet għat-tnedija ta' ħruġ ta' bonds f'Diċembru kienu aktar favorevoli minn dawk moħtija lil FT mill-Istat bħala azzjonist prinċipali għall-provvediment ta' fondi għas-self eventwali. Għalhekk, l-awtoritajiet Franċiżi indikaw li f'kondizzjonijiet komparabbli (swap b'rata varjabbli), il-porzjon f'euro tal-ħruġ ta' bonds ammonta għal rata ta' EURIBOR + 290pb, jiġifieri madwar 100pb taħt dik tas-self minn azzjonist, filwaqt li s-self obbligazzjonarju kien ħafna itwal minn dik tas-self.

(56) Sabiex jipproċedi bis-self minn azzjonist, l-awtoritajiet Franċiżi pprovdew l-użu ta' veikolu, l-Entreprise de Recherches et d'Activités Pétrolières (ERAP), stabbiliment pubbliku industrijali u kummerċjali li se jkollu l-għan li jżomm il-parteċipazzjoni tal-Istat f'FT u jirrifletti r-rieda tal-Istat li jidentifika b'mod ċar l-isforz patrimonjali magħmul bl-iżolament ta' FT fi struttura ddedikata.

(57) L-awtoritajiet Franċiżi ppreċiżaw li l-ERAP se tidħol f'dejn biex twettaq it-tisħiħ tal-fondi proprji inizjalment mal-Istat, u mbagħad direttament mis-swieq tal-bonds.

(58) Il-preżentazzjoni tal-pjan Ambition 2005 kienet akkumpanjata bi stqarrija għall-istampa mill-Ministru għall-Ekonomija u l-Finanzi fil-5 ta' Diċembru 2002, fejn il-Gvern ikkonferma l-appoġġ tiegħu għall-pjan inkwistjoni, l-impenn tiegħu li jipparteċipa fl-operazzjoni tat-tisħiħ tal-fondi proprji u l-provvediment ta' self minn azzjonist fil-forma ta' linja ta' kreditu ta' EUR 9 biljuni. Il-paragrafi rilevanti tal-istqarrija għall-istampa huma dawn li ġejjin: "Francis Mer, Ministru għall-Ekonomija, il-Finanzi u l-Industrija, jikkonferma l-appoġġ tal-Istat għall-pjan ta' azzjoni approvat mill-Bord tad-Diretturi ta' France Télécom fl-4 ta' Diċembru. (1) Il-Grupp France Télécom huwa grupp industrijali koerenti bi prestazzjonijiet notevoli. Madankollu, illum l-intrapriża qiegħda taffaċċja struttura finanzjarja żbilanċjata, nuqqas ta' fondi proprji u teħtieġ rifinanzjament fuq medda ta' żmien medju. Din is-sitwazzjoni tirriżulta mill-falliment ta' investimenti fl-imgħoddi, li ġew ġestiti u rrealizzati b'mod ħażin fil-quċċata tal-'bużżieqa' finanzjarja u, b'mod iktar ġenerali, mill-bidliet fis-swieq. L-impossibbiltà għal France Télécom li tiffinanzja l-iżvilupp tagħha mod ieħor għajr b'dejn aggravat din is-sitwazzjoni. (2) L-Istat, li huwa l-azzjonist maġġoritarju, talab lid-diriġenti l-ġodda biex jistabbilixxu mill-ġdid il-bilanċi finanzjarji tal-intrapriża, filwaqt li jibqgħu jżommu l-integrità tal-grupp. (3) Fid-dawl tal-pjan ta' azzjoni mfassal mid-diriġenti u l-perspettivi ta' redditu fuq l-investiment, l-Istat se jipparteċipa fit-tisħiħ tal-fondi proprji ta' EUR 15-il biljun fuq bażi pro rata skont is-sehem tiegħu mill-kapital, jiġifieri investiment ta' EUR 9 biljuni. L-Istat azzjonist b'hekk biħsiebu jaġixxi bħala investitur diliġenti. Hija r-responsabbiltà ta' France Télécom li tiddefinixxi l-modalitajiet u l-iskeda taż-żmien preċiża għat-tisħiħ tal-fondi proprji tagħha. …Sabiex tingħata l-possibbiltà li titnieda operazzjoni fis-suq fl-iktar

mument opportun, l-Istat lest jantiċipa l-parteċipazzjoni tiegħu fit-tisħiħ tal-fondi proprji, permezz ta' self temporanju minn azzjonist, remunerat bil-kondizzjonijiet tas-suq, li jitpoġġa għad-dispożizzjoni ta' France Télécom. (4) L-ERAP, stabbiliment pubbliku industrijali u kummerċjali, se tittrasferixxi l-parteċipazzjoni sħiħa tal-Istat fi France Télécom. Din se tissellef mis-swieq finanzjarji sabiex tiffinanzja l-parti tal-Istat fit-tisħiħ tal-fondi proprji tal-intrapriża".

(59) Iż-żieda fil-prezz tal-ishma ta' FT kompliet u żdiedet bit-tħabbira tal-pjan TOP u bil-kumitat eżekuttiv il-ġdid tal-5 ta' Diċembru 2002, li rriżultaw f'żieda ta' aktar minn 25 % f'jumejn.

(60) Ftit jiem wara l-preżentazzjoni tal-pjan Ambition 2005, FT nediet żewġ ħarġiet ta' bonds suċċessivi fil-11 ta' Diċembru u fit-12 ta' Diċembru 2002 b'ammont totali ta' EUR 2,9 biljuni. L-ewwel self obbligazzjonarju kien ammonta għal totali ta' EUR 2,5 biljuni fuq 7 snin, b'rata fissa ta' 7 %, jiġifieri EURIBOR + 290pb. It-tieni self obbligazzjonarju tqiegħed fis-suq tal-Lira Sterlina (GBP) b'ammont ta' GBP 250 miljun, b'rata fissa ta' 8 % fuq 15-il sena, jiġifieri LIBOR + 330pb. Inħareġ self ieħor fil-15 ta' Jannar 2003 b'ammont totali ta' EUR 5,5 biljun. Fl-10 ta' Frar 2003, il-porzjon tas-self sindikalizzat ta' EUR 15-il biljun ġie mġedded, jiġifieri madwar EUR 5 biljuni fuq 3 snin bir-rata Euribor + 125pb.

(61) Fis-17 ta' Diċembru 2002, S&P speċifikat li minn Lulju 2002, l-appoġġ tal-Gvern kien fattur ewlieni fiż-żamma tal-klassifikazzjoni ta' France Télécom fil-grad ta' investiment sigur ([17]) u li t-tħabbira tiegħu dwar is-self minn azzjonist u l-impenn biex jissottoskrivi, fi proporzjon mal-parteċipazzjoni tiegħu, għal operazzjoni ta' rikapitalizzazzjoni ta' EUR 15-il biljun ikkonfermat dan l-appoġġ ([18]).

(62) Fl-20 ta' Diċembru, l-awtoritajiet Franċiżi bagħtu l-kuntratt tas-self inizjalat u ffirmat mill-ERAP lil FT. FT qatt ma ffirmat dan il-kuntratt.

(63) FT għalqet is-sena 2002 b'telf ta' madwar EUR 21 biljun u b'dejn finanzjarju nett ta' kważi EUR 68 biljun.

(64) Fl-4 ta' Marzu 2003, tnediet l-operazzjoni tat-tisħiħ tal-fondi proprji ta' EUR 15-il biljun prevista mill-pjan Ambition 2005. L-operazzjoni kienet suċċess kbir u ntemmet fil-11 ta' April.

(65) Iż-żieda fil-kapital fil-biċċa l-kbira ssodisfat il-ħtiġijiet strutturali tal-finanzjament ta' FT. Għalhekk, wara din l-operazzjoni, il-klassifikazzjoni ta' FT bdiet titjieb: S&P tellgħet il-klassifikazzjoni għal BBB flimkien ma' perspettiva stabbli fl-14 ta' Mejju 2003 (minn A-3 għal A-2 għall-klassifikazzjoni tagħha fuq żmien qasir) u Fitch tellgħet il-klassifikazzjoni minn BBB- għal BBB fit-8 ta' Awwissu 2003.

3. **KUMMENTI MINN PARTIJIET TERZI**

(66) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti minn Cable and Wireless, Cégétel, AFORS Télécom, LDCOM, Tiscali, WorldCom France, Bouygues SA u Bouygues Télécom (minn hawn 'il quddiem "BT") u Telecom Italia. Diversi partijiet interessati (A, B u Ċ) xtaqu jżommu l-identità tagħhom kunfidenzjali.

3.1. **Kummenti minn Telecom Italia u WorldCom**

(67) Telecom Italia u WorldCom jenfasizzaw li kwalunkwe għajnuna mogħtija favur FT aktarx taffettwa l-kompetizzjoni fis-swieq tat-telekomunikazzjonijiet, partikolarment lis-suq Franċiż. Huwa għalhekk essenzjali li l-miżuri mogħtija mill-awtoritajiet Franċiżi jiġu akkumpanjati minn kontropartijiet sabiex jittaffew l-effetti tagħhom fuq il-kompetizzjoni.

([17]) *Research France Télécom*, Standard & Poor's Ratings Direct, 17 ta' Diċembru 2002: *"Minn Lulju 2002, l-appoġġ mill-Istat Franċiż kien fattur ewlieni fil-klassifikazzjoni, u kien il-bażi tal-istatus tal-grad ta' investiment tal-grupp."*. Din id-dikjarazzjoni ssegwi dik tal-5 ta' Diċembru 2002: *"Is-servizzi ta' klassifikazzjoni ta' Standard & Poor's illum qalu li affermaw il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu korporattivi ta' BBB- fuq żmien twil u ta' A-3 fuq żmien qasir [għal FT]… Minn Lulju 2002 Standard & Poor's indikat li l-appoġġ mistenni mill-azzjonist ta' 56 % ta' FT, jiġifieri l-Istat Franċiż, huwa fattur probabbli li jsejjes il-bażi tal-istatus tal-grad ta' investiment tal-grupp. It-tħabbira tal-Istat Franċiż li llum se jagħti minnufih self minn azzjonist ta' EUR 9 biljuni biex jgħin lil FT taffaċċja l-obbligi tad-dejn tagħha tal-2003 qed titqies minn Standard & Poor's bħala evidenza qawwija ta' dan l-appoġġ."*.

([18]) *Research France Télécom*, Standard & Poor's Ratings Direct, 17 ta' Diċembru 2002: *"It-tħabbira mill-Istat ta' Diċembru 2002 li se jagħti self minn azzjonist ta' EUR 9 biljuni, flimkien mal-impenn tiegħu li jissottoskrivi għal żieda ta' kapital ta' EUR 15-il biljun, jenfasizzaw dan l-appoġġ u jipprovdu protezzjoni sinifikanti tal-kreditu għall-kredituri ta' FT. …FT u l-miri tal-Istat f'dan ir-rigward jissodisfaw l-aspettattivi ta' Standard & Poor's għall-klassifikazzjonijiet tagħha.* Filwaqt li l-kondizzjonijiet tas-suq jistgħu jisfidaw l-operazzjoni, l-impenn tal-Istat li jissottoskrivi għall-injezzjoni tal-ekwità — sabiex għall-inqas iżomm l-ishma tiegħu — inaqqas bil-qawwi r-riskji ta' eżekuzzjoni.".

3.2. **Kummenti minn A, B u Ċ**

(68) Skont A, B u Ċ, il-miżuri jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat. C ssostni li, skont il-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u għar-ristrutturar ta' intrapriżi f'diffikultà ([19]) (minn hawn 'il quddiem "il-Linji Gwida"), l-għoti ta' fondi b'oriġini pubblika għal intrapriża f'diffikultà finanzjarji timplika l-preżunzjoni tal-eżistenza ta' elementi ta' għajnuna. A, B u Ċ jippreċiżaw li l-ħabbira u l-kondizzjonijiet tal-għoti tal-linja ta' kreditu f'ammont ta' EUR 9 biljuni mill-Istat Franċiż favur FT, u l-parteċipazzjoni tal-Istat Franċiż fir-rikapitalizzazzjoni ta' FT fihom elementi ta' għajnuna. Il-prinċipju ta' investitur diliġenti ma ġiex irrispettat fir-rigward tat-termini tal-provvediment tal-linja ta' kreditu, partikolarment minħabba r-rata tal-imgħax proposta u *commitment fee*. B u Ċ enfasizzaw ukoll li l-prinċipju tal-konkomitanza ma ġiex irrispettat sal-punt li l-awtoritajiet Franċiżi taw il-linja ta' kreditu u ħabbru l-parteċipazzjoni tagħhom fir-rikapitalizzazzjoni qabel it-ħabbira tal-pjan Ambition 2005 u qabel impenn sod mill-investituri.

3.3. **Kummenti minn Bouygues u Bouygues Télécom (BT)**

(69) BT targumenta li l-appoġġ mill-Istat huwa l-pedament tal-pjan ta' rikapitalizzazzjoni ta' FT li wassal għall-irkupru tal-Intrapriża. Għalhekk, skont BT, l-Istat Franċiż biss seta' jġib lura l-fiduċja fis-suq u jistabbilixxi ċirku virtuż li jippermetti li FT tissodisfa l-impenji tagħha fuq żmien qasir u li tniedi operazzjoni vasta ta' rikapitalizzazzjoni b'kondizzjonijiet ekonomiċi favorevoli. Skont BT, id-dikjarazzjonijiet tal-Ministru għall-Ekonomija u l-Finanzi matul il-perjodu mit-12 ta' Lulju sal-4 ta' Diċembru 2002 jikkostitwixxu garanzija mill-Istat li tikkommetti r-riżorsi tal-Istat; bl-istess mod, is-self minn azzjonist u l-operazzjoni tat-tisħiħ tal-fondi proprji tikkommetti r-riżorsi tal-Istat. Dawn il-miżuri jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat. Dawn jagħtu vantaġġi lil France Télécom li ma kinitx tikseb taħt kondizzjonijiet normali tas-suq u ma jirrispettawx il-prinċipju tal-investitur privat diliġenti li jopera taħt il-kondizzjonijiet tas-suq.

(70) Fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet tal-Ministru għall-Ekonomija u l-Finanzi, l-appoġġ ripetut mill-Istat, ifformulat f'sensiela ta' avviżi mit-12 ta' Lulju 2002 sal-4 ta' Diċembru 2002 u ssupplimentat b'sensiela ta' miżuri li l-ftuħ tagħhom tal-linja ta' kreditu ta' EUR 9 biljuni kif ukoll l-impenn irrevokabbli tal-Istat li jipparteċipa f'żieda fil-kapital fi proporzjon mal-parteċipazzjoni tiegħu f'FT jirrappreżentaw impenn min-naħa tiegħu, li ma jistax jidderoga, biex ittaffi b'kull mezz possibbli falliment tal-Intrapriża fir-rigward tal-impenji finanzjarji tagħha. BT enfasizzat f'dan ir-rigward li dan l-impenn jikkostitwixxi garanzija statali ġenwina li tipproduċi effetti legali li jikkommettu r-riżorsi tal-Istat.

(71) Matul l-osservazzjonijiet tagħha, BT appellat lil espert ([20]), li indika li mill-ġurisprudenza stabbilita tal-imħallef amministrattiv Franċiż jirriżulta li l-eżistenza ta' impenn minn awtorità amministrattiva m'għandhiex tiġi evalwata f'termini tal-forma tagħha iżda f'termini tal-karatteristiċi intrinsiċi tagħha. L-espert tal-BT jinnota li din il-ġurisprudenza hija applikata espressament fil-każ partikolari tad-dikjarazzjonijiet: l-imħallef amministrattiv għalhekk iqis li l-weġħdiet, minkejja li ma jkunux akkumpanjati minn att legali partikolari, jikkostitwixxu impenji għax jirriflettu manifestazzjoni tar-rieda tal-awtorità amministrattiva. Huwa biżżejjed li l-amministrazzjoni taġixxi b'tali mod li tagħti l-konvinzjoni li se taġixxi b'ċertu mod sabiex ikun hemm impenn tal-Istat. Id-dikjarazzjonijiet tal-Ministru għall-Ekonomija u l-Finanzi jissodisfaw il-kriterji kollha meħtieġa biex jikkaratterizzaw impenn mill-Istat. Dawn huma sodi u preċiżi u fformulati mingħajr riżerva, u huma analizzati bħala impenji mill-Istat fir-rigward ta' FT, tal-krediturі tagħha jew tal-impjegati tagħha.

(72) Fir-rigward tas-self minn azzjonist u tat-tisħiħ fil-fondi proprji, BT issostni li, minn naħa, il-ftuħ ta' linja ta' kreditu ta' EUR 9 biljuni għall-benefiċċju ta' FT u, min-naħa l-oħra, l-impenn irrevokabbli tal-Istat li jipparteċipa f'żieda fil-kapital fi proporzjon mal-parteċipazzjoni tiegħu f'FT u mbagħad fl-operazzjoni ta' rikapitalizzazzjoni bħala tali, huma l-implimentazzjoni tal-garanzija tal-Istat u huma ffinanzjati mir-riżorsi tal-Istat. B'riżultat ta' dan, il-miżuri inkwistjoni huma ffinanzjati mir-riżorsi li ġejjin l-Istat, minkejja li l-linja tal-kreditu fl-aħħar mill-aħħar ma ntużatx.

(73) Fir-rigward tal-kondizzjoni tal-benefiċċju, BT argumentat li okkorrenza operattiva tal-garanzija żvolġiet wara t-tniżżil tal-klassifikazzjoni ta' FT mill-aġenziji tal-klassifikazzjoni sabiex terġa' tinkiseb il-fiduċja fis-suq. Il-garanzija kellha l-effett li tippermetti li FT terġa' tidħol fis-swieq finanzjarji.

(74) Fir-rigward tal-prinċipju tal-investitur privat diliġenti, BT targumenta li l-miżuri ta' appoġġ mhumiex konformi ma' dan il-prinċipju. BT tfakkar li d-dikjarazzjonijiet tal-Istat jikkostitwixxu impenn legali sod u inkondizzjonat li investitur qatt ma jagħmel mingħajr ebda riżerva. Għaldaqstant dan jikkostitwixxi garanzija illimitata mogħtija lil intrapriża estremament midjuna u fraġli fuq żmien qasir.

([19]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - Linji gwida Komunitarji għall-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u għar-ristrutturazzjoni ta' intrapriżi f'diffikultà (Notifika lill-Istati Membri inklużi proposti għal miżuri xierqa (ĠU C 288, 9.10.1999, p. 2)).

([20]) Nota tas-Sur Sureau bid-data tal-14 ta' Jannar 2004.

(75) BT targumenta li, fid-dawl tal-kriżi fit-tul fl-ekonomija dinjija u aktar partikolarment ta' settur tat-telekomunikazzjonijiet fi tranżizzjoni, u fid-dawl tal-importanza tas-somma inkwistjoni, ebda investitur privat ma seta' qatt jipprevedi żieda fil-kapitali ta' dak l-ammont u mingħajr kondizzjonijiet, u li Stat bi affidabbiltà kreditizja bħal ta' Franza biss seta' jġorr dik l-inċertezza. BT nnotat li l-finanzjament għat-tisħiħ tal-fondi proprji, iggarantit sa 100 % mid-dejn mingħajr ebda fondi proprji, kien jaffettwa l-klassifikazzjoni ta' kull investitur privat li jkun għamel l-istess, filwaqt li bil-kontra, Stat jista' jiġi sanzjonat biss mill-votanti, li m'għandhomx l-istess objettivi. Il-krediturі u l-azzjonisti tal-investitur privat kieku kienu jitolbu li l-investiment inkwistjoni jkun assigurat minn pjan ta' negozju b'impenji speċifiċi, inklużi d-disponimenti tal-assi. BT ikkonkludiet li, ikun xi jkun il-każ, investitur diliġenti b'kapaċità finanzjarja komparabbli ma' dik tal-Istat Franċiż u li joħroġ garanzija bħal din, ma kienx jispira wisq fiduċja fis-swieq u jidher ċar li kien bis-saħħa tal-kwalifika ta' "dejn sovran" li minnha jibbenefikaw l-impenji tal-Istat li treġġgħet lura l-fiduċja.

(76) BT issostni wkoll li l-prinċipju tal-konkomitanza ma ġiex irrispettat. BT targumenta li l-parteċipazzjoni minn investituri privati la kienet ċerta u lanqas sinifikanti meta l-Gvern ħabbar il-parteċipazzjoni tiegħu fiż-żieda tal-kapital, anke jekk id-data tad-deċiżjoni dwar l-investiment kellha tiġi posposta għall-5 ta' Diċembru. Meta l-investituri jkunu lesti jintervjenu biss wara li l-awtoritajiet ikunu ddeċidew li jagħtu għajnuna, il-fatt li dawn l-investituri privati mbagħad ikunu saru lesti biex jintervjenu fl-istess waqt ma jibqax rilevanti. Dan l-intervent ikun ir-riżultat tal-appoġġ mogħti mill-Istat u mhux ir-riżultat ta' deċiżjoni minn investitur privat. Għalhekk, f'dan il-każ, il-fatt li sindikat bankarju kkommetta ruħu li jiggarantixxi t-tlestija b'suċċess tal-operazzjoni ma jistax jintuża biex jiġi konkluż li l-prinċipju tal-konkomitanza ġie rrispettat. Id-deċiżjoni favur l-investiment mill-awtoritajiet Franċiżi hija soda u inkondizzjonata, filwaqt li dik ta' investituri privati mhijiex, u l-investituri privati taw il-kontribut tagħhom biss wara li rċevew, f'diversi okkażjonijiet u b'ċertezza, l-assigurazzjoni li l-Istat se jipparteċipa wkoll fl-operazzjoni u speċjalment li se jieħu l-miżuri kollha li jippermettu li FT tevita kwalunkwe problema ta' finanzjament.

3.4. **Kummenti minn Cable & Wireless**

(77) Cable & Wireless irrimarkat li l-miżuri jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat. Il-fiduċja tas-suq li tirriżulta mill-ħabbira tal-għoti tas-self minn azzjonist mill-awtoritajiet Franċiżi kienet biżżejjed biex tagħtu vantaġġ lil FT. Sal-punt li investitur privat diliġenti ma kienx jieħu d-deċiżjoni favur ir-rikapitalizzazzjoni ta' intrapriża bħal FT, li kienet b'mod ċar ineffiċjenti qabel l-adozzjoni tal-pjan Ambition 2005, din tal-aħħar ibbenefikat minn vantaġġ li ma kinitx tikseb taħt kondizzjonijiet normali tas-suq.

3.5. **Kummenti minn AFORS Télécom**

(78) AFORS Telecom (Assoċjazzjoni Franċiża tal-Operaturi tan-Netwerks u tas-Servizzi tat-Telekomunikazzjoni) rrimarkat li l-miżuri jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat. Permezz ta' serje ta' deċiżjonijiet inkrementali matul l-2002 sal-ftuħ tal-linja tal-provvediment ta' kreditu ta' EUR 9 biljuni lil FT, l-awtoritajiet Franċiżi reġġgħu lura l-fiduċja tal-investituri billi kkonkretizzaw l-appoġġ tagħhom. AFORS Télécom targumenta wkoll li, anki jekk jitqies li l-linja ta' kreditu miftuħa mill-ERAP qatt ma tintuża minn FT, din xorta tissimbolizza l-garanzija ta' appoġġ mill-Istat u timmobilizza r-riżorsi għal dan il-għan fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

(79) Il-kondizzjonijiet tal-linja ta' kreditu u l-kondizzjonijiet ta' remunerazzjoni tagħha ma jissodisfawx il-kriterji tal-prinċipju tal-investitur privat diliġenti. AFORS Télécom argumentat li derivattivi finanzjarji ta' FT mis-sena 2000 ma kinux jistgħu jintervjenu fil-preżenza ta' investitur diliġenti. L-appoġġ mill-Istat kellu l-effett li jipprevjeni kwalunkwe tniżżil ulterjuri fil-klassifikazzjoni ta' FT mill-aġenziji tal-klassifikazzjoni, u dan aċċellera r-ritorn ta' FT fis-suq u l-finanzjament mill-ġdid tad-dejn tagħha b'kondizzjonijiet finanzjarji inqas pożanti. Għalhekk, kienet il-kredibbiltà tal-Istat Franċiż li ddeterminat il-kondizzjonijiet tar-ritorn ta' FT fis-swieq finanzjarji.

3.6. **Kummenti minn Cégétel**

(80) Cégétel issostni li hemm żewġ miżuri separati ta' għajnuna: minn naħa, it-ħabbira mill-awtoritajiet Franċiżi dwar l-għoti ta' self minn azzjonist lil FT u, min-naħa l-oħra, il-parteċipazzjoni tal-Istat fir-rikapitalizzazzjoni ta' FT.

(81) Rigward l-ewwel miżura, Cégétel iddikjarat li s-sitwazzjoni ta' intrapriża b'azzjonist ta' referenza privat u dik ta' intrapriża b'azzjonist maġġoritarju pubbliku ma setgħux jitqabblu. Cégétel ippreċiżat li ħabbira simili magħmula minn azzjonist privat kienet tiġi milqugħa bl-ikbar prudenza mill-aġenziji tal-klassifikazzjoni. Cégétel tikkonkludi li s-sempliċi fatt li tkun appoġġjata mill-Istat iġib vantaġġ konsiderevoli fir-rigward tal-investituri u pprevjena

kwalunkwe deterjorazzjoni ulterjuri fil-klassifikazzjoni ta' FT mill-aġenziji tal-klassifikazzjoni anke jekk l-operatur kien jinsab, fit-teorija, f'sitwazzjoni insolubbli. Cégétel targumenta li l-Istat Franċiż ta l-għajnuna lil FT anki qabel l-iffirmar ta' ftehim ta' linja ta' kreditu ta' EUR 9 biljuni, minħabba li t-tħabbira tal-appoġġ kienet biżżejjed biex tagħmel dan il-finanzjament ta' emerġenza inutli. Għalhekk, il-krediturі kienu ċerti li FT qatt ma setgħet tkun fi stat ta' inadempjenza għax il-Gvern dejjem ikun lest li jipprovdi l-fondi meħtieġa biex ikun jista' jonora l-impenji tiegħu, u dan ippermetta li FT tikseb direttament finanzjamenti fis-suq. FT għalhekk ibbenefikat minn vantaġġi li ma kinitx tikseb taħt kondizzjonijiet normali tas-suq. L-użu tas-suq tal-bonds ippermettielha li tevita li tirrikorri esklużivament għand l-istituzzjonijiet finanzjarji biex tiġi ttratta l-kriżi tal-likwidità tagħha u biex taffaċċja l-limitazzjonijiet kollha relatati ma' dan it-tip ta' finanzjament. Cégétel issostni li l-kondizzjonijiet għall-għoti tal-linja ta' kreditu mill-awtoritajiet Franċiżi mhumiex konformi ma' dawk miżmuma minn investitur diliġenti li jkollu dawn l-interessi.

3.7. **Kummenti minn LDCOM** ([21])

(82) LDCOM tidentifika mekkaniżmu doppju ta' għajnuna li tappoġġja lil FT, appoġġjat minn appoġġ għall-mobbiltà tal-persunal, l-għoti ta' garanzija illimitata u l-għoti ta' linja ta' kreditu ta' EUR 9 biljuni.

(83) Dwar l-għoti tal-garanzija illimitata, LDCOM tibbaża fuq il-kontenut tad-dikjarazzjonijiet mill-awtoritajiet Franċiżi ppubblikati minn Lulju 2002, li għandhom l-għan li jirriassiguraw lis-swieq finanzjarji dwar is-sitwazzjoni ta' FT. Dawn id-dikjarazzjonijiet ikkontribwixxew direttament għat-titjib tal-klassifikazzjoni ta' FT fis-swieq u ppermettewlha taffronta l-ħajt tal-likwidità li kienet qed taffaċċja. Skont LDCOM, safejn jirrigwarda l-liġi Franċiża, dikjarazzjoni orali tista', taħt ċerti kondizzjonijiet, tikkostitwixxi att legali li joħloq drittijiet għad-destinatarju tagħha.

(84) LDCOM tispeċifika li t-tħabbira tal-provvediment tal-linja ta' kreditu ta' EUR 9 biljun tikkostitwixxi għajnuna; l-appoġġ mill-Istat ma jistax jinvoka l-kriterju tal-investitur diliġenti, kemm mill-ammont tiegħu kif ukoll mill-modalitajiet tiegħu jew mill-objettiv tiegħu stess. Għalhekk, f'Settembru 2002 (meta l-Gvern ħabbar li kien se jappoġġa lil FT finanzjarjament), ebda investitur diliġenti ma kien se jsellef EUR 9 biljuni f'ċirkostanzi ekonomiċi bħal dawk mingħajr ma jibbaża fuq pjan ta' ristrutturar.

(85) Barra minn hekk, skont LDCOM, il-pożizzjoni tal-Istat li investitur maġġoritarju diliġenti ma kienx se jikkontesta l-integrità funzjonali ta' FT ma treġġix meta mqabbla mal-analiżi tal-imġiba ta' investitur bħal dan fil-kondizzjonijiet reali tas-suq li kienu jeżistu f'Ġunju-Lulju 2002. Għalhekk, l-investituri li poġġew parti estremament kbira tal-assi tagħhom f'intrapriża li setgħet iġarrab falliment jeħtieġu, l-ewwel nett, reviżjoni radikali u immedjata tal-istrateġija li tista', jekk ikun meħtieġ, tinvolvi disponimenti enormi ta' assi strateġiċi.

(86) L-LDCOM enfasizzat ukoll li l-Istat ma setax imur lura mid-dikjarazzjonijiet tiegħu mingħajr ma jdgħajjef il-kredibbiltà finanzjarja tiegħu stess. Tabilħaqq, fl-intervent tiegħu fis-suq, l-Istat għandu rwol ta' kreditur u rwol ta' azzjonist maġġoritarju ta' ċertu għadd ta' intrapriżi. Dan ir-rwol doppju huwa rifless fi klassifikazzjoni doppja mill-aġenziji tal-klassifikazzjoni, bħala mutwatarju u bħala azzjonist permezz ta' klassifikazzjonijiet mogħtija lill-intrapriżi pubbliċi. Din il-possibbiltà doppja ta' intervent tassumi viġilanza partikolari minħabba li kull falliment osservat f'wieħed minn dawn iż-żewġ rwoli aktarx ikollu konsegwenzi fuq ir-rwol l-ieħor u fuq il-klassifikazzjoni tiegħu. LDCOM enfasizzat ukoll li l-kredibbiltà tal-Istat hija fundamentalment differenti minn dik li tista' titgawda minn intrapriżi oħra f'sitwazzjoni simili u ma tistax tassigura lis-suq. Il-kunsiderazzjoni tal-appoġġ mill-Istat wara kuntatt dirett mal-aġenziji tal-klassifikazzjoni tenfasizza l-kredibbiltà tal-appoġġ mill-Istat għal FT.

3.8. **Kummenti minn Tiscalinet**

(87) Tiscalinet iżżid mal-osservazzjonijiet imsemmija hawn fuq li d-dikjarazzjonijiet tal-Istat li ġew ifformulati mit-2 ta' Lulju 2002 jindikaw lis-suq li r-riċevitura ġudizzjarja ta' FT hija eskluża. Fl-istess waqt, l-għażla tal-Istat li jitħallas għad-dividendi tal-2002 f'ishma u mhux fi flus kontanti hija sinjal ieħor mill-Istat għas-suq li kien qed jappoġġa lil FT, anki jekk investitur diliġenti kien jagħżel ir-rimunerazzjoni fi flus kontanti ta' dawn id-dividendi.

([21]) Issa msejħa Neuf Télécom.

(88) Tiscalinet enfasizzat ukoll li l-miżuri leġiżlattivi kollha biex jiġi estiż l-ambitu tal-ERAP sabiex jippermettulha żżomm ishma ta' FT ([22]), l-għoti ta' garanzija mill-Istat favur l-ERAP biex jippermettilha tinvesti f'FT ([23]) u finalment it-test dwar il-modalità tal-pussess mill-Istat tal-kapital azzjonarju ta' FT jikkonsolida l-analiżi tan-natura irrevokabbli tal-garanzija tal-Istat li fuqha bbażaw ruħhom l-atturi fis-suq, u partikolarment id-detenturi tal-bonds, biex jissottoskrivu għas-sejħiet suċċessivi magħmula minn FT minn dik id-data. Dawn l-elementi jappoġġjaw il-fatt li l-Istat ipoġġi ruħu bħala "l-aħħar rimedju" fir-rigward ta' FT — xi ħaġa li ma kinitx issir minn investitur diliġenti.

3.9. **Il-kummenti minn ECTA**

(89) L-Assoċjazzjoni Ewropea għat-Telekomunikazzjoni (ECTA) hija tal-fehma li d-dikjarazzjonijiet ministerjali ta' Lulju u ta' Ottubru 2002 u l-għoti ta' linja ta' kreditu ta' EUR 9 biljuni kif ukoll l-impenn antiċipat mill-Istat li jipparteċipa f'żieda fil-kapital ġejjiena tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat. L-għajnuna mogħtija lil FT ippermettitilha żżomm l-istatus tagħha bħala operatur integrat u li żżid il-parteċipazzjoni tagħha f'Orange. L-ECTA hija tal-fehma li intrapriża fis-sitwazzjoni ta' FT kellha tirreaġixxi b'mod kompletament differenti, kif kienu għamlu kompetituri ta' FT fis-suq globali tas-servizzi tat-telekomunikazzjonijiet bħal British Telecom u KPN, li kellhom iċedu assi strateġiċi biex inaqqsu d-dejn tagħhom.

3.10. **Kummenti minn FT**

(90) FT ressqet kummenti fil-forma ta' tliet rapporti: (i) rapport imħejji mis-Sur Ehlermann tat-12 ta' Jannar 2004 bl-isem "Avviż lil France Télécom"; (ii) rapport imħejji mis-Sur Galmot tas-6 ta' Jannar 2004 bl-isem "Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet tista' taċċetta li 'l-miżuri finanzjarji stabbiliti mill-Istat b'appoġġ għal France Télécom' u li fuqhom il-Kummissjoni fetħet il-proċedura prevista fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat wettqu 'trasferiment ta' riżorsi tal-Istat' favur din l-intrapriża?"; u (iii) Rapport tal-HSBC bl-isem "Opinjoni tal-HSBC datata 6 ta' Jannar 2004".

(91) L-ewwel rapport janalizza l-imġiba tal-awtoritajiet Franċiżi fir-rigward tar-regoli applikabbli għall-għajnuna mill-Istat b'mod ġenerali u fir-rigward tal-prinċipju tal-investitur diliġenti b'mod partikolari. Ir-rapport għandu l-għan ukoll li juri li FT ma kinitx intrapriża f'diffikultà finanzjarja fis-sens tal-Linji Gwida fiż-żmien li l-Istat iddeċieda li jipparteċipa fil-rikapitalizzazzjoni u ħabbar li kien lesta jagħti self minn azzjonist. Ir-rapport jenfasizza li hija ħaġa normali u komuni li l-azzjonist maġġoritarju jagħti self biex jantiċipa l-parteċipazzjoni tiegħu fir-rikapitalizzazzjoni.

(92) It-tieni rapport jiffoka fuq jekk tħabbira sempliċi ta' għoti ta' self minn azzjonista fil-forma ta' linja ta' kreditu tistax, bħala tali, tikkostitwixxi impenn tar-riżorsi tal-Istat. Skont ir-rapport, m'hemm ebda trasferiment ta' riżorsi mill-Istat għax finalment ma kien hemm ebda ftuħ ta' linja ta' kreditu jew għoti ta' garanzija, li kien ikollhom bżonn awtorizzazzjoni minn liġi dwar il-finanzi. Barra minn hekk, m'hemm ebda trasferiment ta' riżorsi tal-Istat minħabba li, fil-liġi Franċiża, ebda dikjarazzjoni bil-fomm minn awtorità pubblika mhi probabbli li tirriżulta f'xi impatt jew ieħor fuq il-finanzi pubbliċi u topera kwalunkwe trasferiment ta' riżorsi tal-Istat, u f'dan il-każ dawn huma sempliċi dikjarazzjonijiet ministerjali li m'għandhom ebda impatt negattiv fuq il-finanzi pubbliċi.

(93) It-tielet rapport jiffoka fuq ir-razzjonalità ekonomika tal-aġir tal-Istat ta' bejn l-4 ta' Settembru 2002 (tħabbira tar-riżultati tal-ewwel nofs tas-sena) u l-15 ta' April 2003 (it-twettiq taż-żieda tal-kapital). Ir-rapport huwa bbażat fuq analiżi tas-sitwazzjoni ta' FT f'Settembru 2002 u jagħmel distinzjoni bejn, minn naħa, il-prestazzjoni operattiva ta' FT (attivitajiet b'saħħithom b'potenzjal ta' titjib fil-likwidità operattiva) u, min-naħa l-oħra, l-ammont tad-dejn tal-operatur. Ir-rapport jikkonkludi fuq dan il-punt li l-intervall ta' żmien bejn il-ġenerazzjoni ta' flussi ta' flus kontinġenti tal-grupp u d-dati tal-maturitajiet finanzjarji grossi fuq żmien qasir (2003-2005) joħolqu problema ta' rifinanzjament iżda mhux ta' solvenza.

(94) HSBC jiddeskrivi wkoll il-kuntest tal-kriżi tal-likwidità fuq żmien qasir li ġiet ikkomplikata minn kriżi ta' fiduċja fis-suq fir-rigward tal-grupp. HSBC qal li f'sitwazzjoni bħal din, ir-raġuni imponiet l-urġenza u rrakkomandat l-implimentazzjoni ta' pjan biex jitjiebu r-riżultati operattivi, żieda fil-kapital, riskedar tad-dejn u politika mmirata għad-disponiment ta' assi. HSBC jgħid li f'dan il-każ, il-pjan Ambition 2005 huwa pjan koerenti komplut u razzjonali peress li jippermetti, b'mod partikolari, li jiġu ġġenerati EUR 15-il biljun ta' flussi ta' flus permezz ta' titjib operattiv u ta' disponiment ta' assi ma xxekkilx in-negozji ewlienin. HSBC jenfasizza li żieda fil-kapital b'appoġġ għal intrapriża permezz tal-implimentazzjoni ta' pjan ta' rkupru operattiv hija mod naturali biex terġa'

([22]) Digriet Nru 2002-1409 tat-2 ta' Diċembru 2002 li jemenda d-Digriet Nru 65-1117 tas-17 ta' Diċembru 1967 dwar l-organizzazzjoni amministrattiva u finanzjarja tal-ERAP.

([23]) L-Artikolu 80 tal-Liġi Nru 2002-1576 tat-30 ta' Diċembru 2002 rigward il-liġi dwar il-finanzi emendata għall-2002.

tiġi bbilanċjata l-karta tal-bilanċ. HSBC jenfasizza li l-appoġġ orali minn azzjonist maġġoritarju huwa wkoll komuni u razzjonali u li huwa normali u komuni għall-azzjonisti ta' referenza li jħabbru d-deċiżjoni tagħhom qabel azzjonisti oħra. HSBC irrimarka wkoll li s-self minn azzjonist kien operazzjoni b'riskju baxx, profitabbli u abitwali - matul l-istennija taż-żieda fil-kapital - biex jiġu protetti l-interessi kapitali tal-azzjonist maġġoritarju peress li ma kienx possibbli li ssir rikapitalizzazzjoni f'Diċembru minħabba raġunijiet ta' skedar. HSBC iddikjara wkoll li s-self kien previst taħt il-kondizzjonijiet tas-suq.

(95) Ir-rapport ta' HSBC isemmi wkoll l-evoluzzjoni tal-prezz fil-borża tal-ishma ta' FT, u jinsisti fuq il-fatt li l-ishma telgħu f'Lulju 2002 minħabba xnihat ta' nazzjonalizzazzjoni u mbagħad waqgħu f'Settembru minħabba li filwaqt li s-suq kien konxju mill-possibbiltà ta' żieda kapitali ta' EUR 15-il biljun, it-termini kienu għadhom mhumiex ċari. Ir-rapport jindika wkoll li l-projezzjonijiet finanzjarji ta' FT jissuġġerixxu redditu sodisfaċenti ħafna għall-Istat: skont il-metodoloġija *"discounted cash-flow"*, ir-rikapitalizzazzjoni għandha rata ta' redditu annwali ta' 25 % filwaqt li r-rata medja fis-suq tat-telekomunikazzjonijiet hija ta' 9,9 %.

(96) Bi tweġiba għat-trażmissjoni tar-rapport NERA, FT tinnota li l-kondizzjonijiet meħtieġa biex l-Istat jinżamm responsabbli għall-ksur tal-wegħda tiegħu f'dan il-każ ma ġewx issodisfati. B'ebda mod is-sempliċi fatt li ssir wegħda, anki dwar ħlas ta' ċerti somom ta' flus, ma jkun biżżejjed biex waħdu jikkommetti l-finanzi pubbliċi u biex "jimmobilizza r-riżorsi tal-Istat" mingħajr att legali. FT tikkonkludi fuq dan il-punt li l-ġurisprudenza Franċiża ma tistax turi li f'dan il-każ kien hemm "trasferiment ta' riżorsi tal-Istat" minħabba l-wegħda kondizzjonali ta' self minn azzjonist.

(97) Skont FT, l-Istat ma poġġa ebda linja ta' kreditu għad-dispożizzjoni ta' FT permezz tal-ERAP. Id-dikjarazzjonijiet ma jorbtux lill-Istat f'termini legali, u lanqas lil FT jew lil partijiet terzi. Madankollu, l-Istat ma jistax jikkommetti ruħu mingħajr att li joħloq dritt meħud skont ir-regoli ta' kompetenza u l-proċedura baġitarja.

(98) B'mod aktar partikolari, FT tenfasizza l-kuntest li fih kienu saru d-dikjarazzjonijiet u tippreċiża li dan huwa meħtieġ sabiex jitkejjel l-ambitu veru. Għalhekk, analiżi tad-dikjarazzjonijiet fid-dawl tal-ġrajjiet li ġraw bejn l-aħħar ta' Ġunju u Diċembru 2002 turi li d-dikjarazzjonijiet ma jistgħux jikkostitwixxu wegħda u li ma jurux li l-miżuri adegwati previsti mill-Istat kienu miżuri finanzjarji. B'mod partikolari, dak iż-żmien kien hemm differenzi fi ħdan il-Gvern, u l-Ministru għall-Ekonomija u l-Finanzi ma kienx jirrappreżenta l-opinjoni tal-Gvern. Studju talfatti juri li ma kien hemm ebda intenzjoni min-naħa tad-diriġenti, li kienu fid-dlam dwar is-soluzzjoni għall-problema, u li l-operaturi qatt ma esprimew it-twemmin tagħhom li l-Istat kien wieġħed li jżomm xi soluzzjoni jew oħra.

(99) FT tikkonkludi li l-konklużjonijiet tal-konsulent mhumiex korretti minħabba li:

— "L-analiżi tas-sitwazzjoni tal-grupp FT fiż-żmien tat-tħabbira tar-riżultati tal-ewwel nofs tal-2002 turi li l-grupp għandu karta tal-bilanċ żbilanċjata u problema ta' likwidità fuq żmien qasir iżda r-riżultati operattivi tal-attività huma tajbin ħafna.

— L-analiżi tal-firxa ta' miżuri li azzjonist diliġenti għandu jikkunsidra f'sitwazzjoni ta' dejn kbir tindika li kien razzjonali li jiġi stabbilit pjan ta' rkupru, inkluża r-rikapitalizzazzjoni, għal grupp b'assi b'saħħithom u li l-valur intrinsiku tal-intrapriża tiegħu huwa akbar mis-somma tal-kapitalizzazzjoni tas-suq u mid-dejn nett.

— L-analiżi tal-ħolqien tal-valur u tal-perspettivi tar-redditu jissuġġerixxu li l-Istat jagħmel investiment tajjeb ħafna billi jipparteċipa f'żieda tal-kapital u ftit li xejn jieħu riskju billi jistabbilixxi self minn azzjonist fejn ikun xieraq".

4. **KUMMENTI MINN FRANZA**

(100) L-awtoritajiet Franċiżi fakkru fuq bażi preliminari li aġixxew skont il-prinċipju tal-investitur privat diliġenti millbidu nett. Għalhekk, mit-tħabbira tar-riżultati ta' FT għall-ewwel nofs tal-2002, li enfasizzat struttura finanzjarja żbilanċjata u ħtiġijiet kapitali sinifikanti minkejja riżultati operattivi tajbin, l-Istat laqa' għall-konsegwenzi billi ħatar diriġenza ġdida fil-maniġment tal-Intrapriża u laqqa' sindikat bankarju li impenja ruħu minn Settembru 2002 biex jikkostitwixxi ruħu bħala garanti fil-ħin għat-tlestija b'suċċess taż-żieda tal-kapital. Fl-istess waqt, l-Istat staqsa lid-diriġenti l-ġodda għal awditu bir-reqqa tal-Intrapriża. Abbażi tal-pjan Ambition 2005 li fih l-azzjonist

maġġoritarju kien informat regolarment u abbażi tal-impenn tal-sindikat bankarju, l-Istat, fl-4 ta' Diċembru 2002, ħabbar id-deċiżjoni tiegħu li jipparteċipa fit-tiswiħ tal-fondi proprji tal-Intrapriża b'ammont ta' EUR 9 biljuni u ħabbar ukoll li kien lest jagħmel disponibbli lil FT, permezz tal-ERAP, self possibbli fuq din is-sottoskrizzjoni remunerata bil-kondizzjonijiet tas-suq. Madankollu, minħabba l-kondizzjonijiet finanzjarji għall-għoti ta' dan is-self mill-awtoritajiet Franċiżi u l-indikazzjonijiet tal-Kummissjoni rigward id-dubji tagħha dwar il-preżenza ta' elementi ta' għajnuna f'din il-miżura, FT ippreferiet tirrikorri direttament għas-suq tal-bonds.

4.1. **Is-sitwazzjoni finanzjarja ta' FT**

(101) L-awtoritajiet Franċiżi jsostnu li meta ħadet id-deċiżjoni li tinvesti, FT ma kinitx kumpanija f'diffikultà skont it-tifsira tal-Linji Gwida ([24]). Tabilħaqq, il-fatturat tal-kumpanija kien qed jikber b'mod regolari (sa 10 % bejn l-ewwel nofs tal-2001 u l-ewwel nofs tal-2002), il-marġni gross tal-finanzjament proprju tagħha kien għoli u baqa' jikber aktar malajr mill-fatturat tagħha. L-awtoritajiet Franċiżi rrapportaw l-istruttura finanzjarja żbilanċjata tal-Intrapriża fit-30 ta' Ġunju 2002 u ppreċiżaw li t-telf kien prinċipalment dovut għal dispożizzjonijiet u amortizzamenti eċċezzjonali relatati ma' deprezzament ta' assi li qabel kienu akkwistati qabel it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku li kien kompletament imprevedibbli. Huma rrimarkaw ukoll li l-ispejjeż operattivi ta' FT kienu qed jikbru b'ritmu inqas mgħaġġel mill-fatturat, u dan kien ifisser li l-profittabbiltà tagħha kienet qed tiżdied. Barra minn hekk, id-dħul u l-fluss ta' flus kontinġenti operattivi kienu qed jiżdiedu (iktar minn 15 % għall-fluss ta' flus kontinġenti meta mqabbel mal-ewwel nofs tal-2001). L-awtoritajiet Franċiżi jippreċiżaw li l-perspettivi ta' prestazzjoni tajba ta' FT tjiebu aktar bil-pjan TOP. Dawn il-prestazzjonijiet ġew ikkonfermati fiż-żmien tal-pubblikazzjoni tal-kontijiet tal-2002, li wrew id-dinamiċi virtużi involuti fl-Intrapriża mid-diriġenti l-ġodda.

(102) Fir-rigward tal-kriterju relatat mal-evoluzzjoni fl-ekwità msemmi fil-punt 5(a) tal-Linji Gwida, l-awtoritajiet Franċiżi jispeċifikaw li l-indikatur rilevanti huwa, skont l-Artikolu L225-248 tal-Kodiċi Kummerċjali, l-istokk kapitali ta' FT SA li dejjem baqa' pożittiv u qatt ġie mnaqqas bin-nofs. L-awtoritajiet Franċiżi jenfasizzaw li FT għalhekk ma kinitx fis-sitwazzjoni msemmija fil-Linji Gwida, fejn l-ekwità taqa' taħt l-istokk kapitali.

(103) FT ma kinitx f'sitwazzjoni ta' insolvenza, iżda sempliċement ġiet skoperta restrizzjoni possibbli fil-likwidità fl-ewwel nofs tal-2003 f'każ li l-irkupru mistenni tas-suq ma jiġrix. L-awtoritajiet Franċiżi żiedu li FT kellha disponibbiltà antiċipata ta' EUR 6,9 biljuni fil-31 ta' Diċembru 2002 u setgħet tasal fuq l-għatba tal-2003 mingħajr ma tirrikorri għas-suq finanzjarju. L-awtoritajiet Franċiżi jippreċiżaw li l-Intrapriża kienet użat is-self sindikalizzat, li kien inqas għali mis-suq tal-bonds, u bbenefikat minn disponibbiltà fuq is-self sindikalizzat ta' EUR 4 biljuni.

(104) B'mod partikolari, l-awtoritajiet Franċiżi jinnotaw li FT kellha aċċess għas-swieq finanzjarji matul l-2002 u ddeskrivew l-istrumenti ta' finanzjament kollha disponibbli għal FT bejn il-11 ta' Lulju 2002 u l-15 ta' Jannar 2003 ([25]). Huma jsemmu b'mod partikolari l-fatt li fl-14 ta' Frar 2002, FT innegozjat it-twaqqif ta' linja sindakalizzata ta' kreditu ta' EUR 15-il biljun u li FT kienet wettqet ħruġ ta' bonds matul is-sena 2002 ([26]), li minnhom EUR 442,2 miljuni minnhom kienu bonds li jistgħu jinfdew f'ishma.

(105) L-awtoritajiet Franċiżi jippreċiżaw ukoll li FT ma kienet soġġetta għal ebda riskju finanzjarju minħabba tniżżil fil-klassifikazzjoni mill-aġenziji tal-klassifikazzjoni peress li ma kienx hemm klawsola ta' appell antiċipat fil-kuntratti.

(106) Barra minn hekk, skont l-opinjoni kondiviża minn diversi banek ikkonsultati bejn Ġunju u Novembru 2002, FT kienet, qabel tħabbar il-pjan Ambition 2005 u l-appoġġ tal-azzjonist maġġoritarju, tista' tirrifinanzja ruħha fis-swieq tal-bonds. Għalhekk, l-awtoritajiet Franċiżi jindikaw li f'Lulju 2002 u f'Settembru 2002 rispettivament, il-bank Barclays u l-bank Dresdner Kleinwort Wasserstein offrew li jirriffinanzjaw, permezz ta' programmi ta' swap imwettqa f'Ottubru jew f'Novembru, id-dejn obligazzjonarju ta' FT li kellu jiskadi bejn l-2003 u l-2005.

4.2. **Ir-razzjonalità tal-pjan "Pjan Totali ta' Prestazzjoni Operattiva" ("TOP")**

(107) L-awtoritajiet Franċiżi jenfasizzaw li, minħabba dak li ssemma' hawn fuq, iż-żieda fil-fluss ta' flus kontinġenti u t-tiswiħ tal-fondi proprji pprovdut mill-pjan Ambition 2005 huma komponenti ta' strateġija li kienet tiġi segwita minn kull azzjonist maġġoritarju diliġenti.

([24]) Linji gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' ditti f'diffikultà (ĠU C 244, 1.10.2004, p. 2).

([25]) L-awtoritajiet Franċiżi b'mod partikolari semmew ħruġ ta' bonds, linji ta' kreditu, karti kummerċjali, self fuq żmien qasir, operazzjonijiet ta' titolizzazzjoni u derivattivi.

([26]) Mis-26 ta' Lulju 2002, sal-preżentazzjoni tal-pjan Ambition 2005 tal-4 ta' Diċembru 2002, FT ħarġet self obbligazzjonarju ta' EUR 70 miljun fis-26 ta' Lulju 2002 u ħarġet porzjon ta' EUR 150 miljun funġibbli mas-self obbligazzjonarju ta' EUR 3,5 biljun li kien inħareġ f'Marzu 2001.

(108) Fir-rigward tar-razzjonalità tal-pjan TOP, l-awtoritajiet Franċiżi jippreċiżaw li l-pjan jikkostitwixxi sforz konsiderevoli minn FT. Dan huwa pjan globali għall-orjentazzjoni mill-ġdid tal-ġestjoni bbażat fuq azzjonijiet konkreti li diġà pproduċew l-ewwel riżultati pożittivi. F'dan ir-rigward, huma jindikaw li l-pjan huwa estremament preċiż u jippermetti li jiżdied ir-redditu tal-Intrapriża b'rata ta' ritorn fuq l-investiment (TRI) ta' 43 % sal-2005 għall-investituri li pparteċipaw fiż-żieda tal-kapital f'April 2003, jiġifieri rendiment ħafna ogħla mir-rata mit-TRI ta' referenza (11 %) mistennija minn investitur privat fis-settur tat-telekomunikazzjonijiet. Il-pjan TOP jinkludi wkoll komponent tal-ottimizzazzjoni tal-ġestjoni tal-forza tax-xogħol. Fir-rigward tal-pjan tad-disponimenti, l-awtoritajiet Franċiżi jippreċiżaw li d-disponiment ta'assi fi tmiem is-sena 2002 ippermetta li tiġi riportata kwalunkwe restrizzjoni fil-likwidità għall-aħħar tal-2003, anki fin-nuqqas ta' kwalunkwe rikors għas-swieq finanzjarji.

(109) L-awtoritajiet Franċiżi finalment jenfasizzaw li l-istrateġiji segwiti mill-operaturi kompetituri ma jidhrux aktar diliġenti u li pjan ma jistax jiġi evalwat fid-dawl tal-ambitu jew tal-karattru strateġiku tal-assi li l-bejgħ tagħhom ikun previst, iżda fid-dawl tar-razzjonalità tal-pjan kollu. Barra minn hekk, is-suċċess tal-ħruġ tal-bonds f'Diċembru 2002 u Jannar 2003 kkonferma *a posteriori* l-kunfidenza tal-investituri privati fil-potenzjal operattiv ta' FT.

4.3. **L-applikazzjoni tal-prinċipju tal-investitur diliġenti għat-tisħiħ tal-fondi proprji**

(110) Fir-rigward tal-prinċipju tal-investitur privat diliġenti fil-ħabbira tal-Istat tal-antiċipazzjoni tal-parteċipazzjoni tiegħu fit-tisħiħ tal-fondi proprji, l-awtoritajiet Franċiżi josservaw li huma kienu rabtu l-qbil tagħhom mal-preżentazzjoni, mid-diriġenza l-ġdida, ta' pjan ġdid ta' riekwilibriju meqjus kredibbli u l-parteċipazzjoni tal-banek.

(111) Dwar ir-rispett tal-prinċipju tal-konkomitanza, l-awtoritajiet Franċiżi jenfasizzaw li sa mill-bidu, l-Istat azzjonist ħa kull miżura biex jiżgura l-parteċipazzjoni konkomitanti tal-azzjonisti pubbliċi u privati u li dan ma kien ħa ebda riskju qabel l-investituri privati. B'hekk, it-ħabbira tal-intenzjoni tal-Istat li jipparteċipa fit-tisħiħ tal-fondi proprji, tat-12 ta' Settembru 2002 u, minn dik id-data, is-sindikat bankarju kien diġà impenja ruħu li jwieġħed sa ċertu żmien partikolari, it-tlestija b'suċċess tal-parti taż-żieda tal-kapital maħsuba għall-investituri privati flimkien mal-azzjonist pubbliku, bil-kondizzjoni li jitħabbar pjan ta' riekwilibriju kredibbli lis-suq. L-awtoritajiet Franċiżi jenfasizzaw li din il-kondizzjoni kienet normali fid-dawl tas-sitwazzjoni finanzjarja żbilanċjata ta' FT u jippreċiżaw li l-parteċipazzjoni tal-Istat ġiet sottomessa wkoll għal ħabbir ta' pjan meqjus kredibbli mis-suq. Kieku l-investituri privati ma kkostitwixxewx ruħhom bħala garanti, l-Istat ma kienx jagħmel tali ħabbira.

(112) L-awtoritajiet Franċiżi jiddikjaraw ukoll li l-finanzjament privat ingħata qabel il-finanzjament pubbliku billi l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-investituri privati — fil-forma ta' self obbligazzjonarju u ta' riskedar ta' self bankarju bejn Diċembru 2002 u Frar 2003 — żvolġew fi proporzjonijiet sinifikanti. L-awtoritajiet Franċiżi jippreċiżaw li l-analiżi ta' kwalunkwe provvediment possibbli ta' fondi tal-Istat għandha ssir fid-dawl ta' tali finanzjament privat.

(113) L-awtoritajiet Franċiżi jfakkru li, skont il-ġurisprudenza Alitalia ([27]), l-Istat ma kkommettiex ruħu b'mod formali qabel l-impenn formali tal-banek. Il-parteċipazzjoni tal-azzjonisti privati hija sinifikanti peress li tammonta għal 40 %.

(114) Fir-rigward tar-rendiment mistenni, l-awtoritajiet Franċiżi jippreċiżaw li kif diġà kien indikat, ir-rispett tal-prinċipju tal-investitur privat diliġenti jintwera wkoll mill-perspettivi ta' redditu għoli tal-pjan TOP, li ġew ikkonfermati mill-fatt li dan ntlaqa' b'mod favorevoli fis-suq.

(115) L-awtoritajiet Franċiżi jenfasizzaw li ż-żieda fil-kapital saret malli kien teknikament possibbli li jiġu ppreżentati lill-Istat u lill-investituri stqarrijiet aġġornati dwar il-perspettivi operattivi tal-Intrapriża, u dan juri l-għażla mill-Istat ta' investituri ta' kwalità motivati minn perspettivi ta' rendiment fit-tul.

4.4. **Is-self minn azzjonist**

(116) L-awtoritajiet Franċiżi jsostnu li l-abbozz tal-proposta ta' self qatt ma ġiet iffirmata minn FT minħabba l-ispejjeż għoljin tal-kondizzjonijiet finanzjarji offruti lil FT, min-naħa waħda, u minħabba l-fatt li l-Kummissjoni qajmet dubji dwar il-legalità ta' dik il-miżura taħt it-Trattat, min-naħa l-oħra. B'riżultat ta' dan, ebda riżorsa tal-Istat ma tpoġġiet disponibbli għall-Intrapriża permezz tal-abbozz tal-proposta ta' self minn azzjonist. L-awtoritajiet

([27]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Diċembru 2000, Alitalia/il-Kummissjoni, T-296/97, ECLI:EU:T:2000:289.

Franċiżi jippreċiżaw li d-dħul fis-seħħ tas-self ma jistax jirriżulta mit-tħabbira magħmula mill-Istat fl-4 ta' Diċembru 2002, li jirrigwarda biss l-impenn tal-Istat azzjonist li jipparteċipa fl-operazzjoni tat-tisħiħ tal-fondi proprji tal-Intrapriża, filwaqt li tissemma biss dispożizzjoni "*possibbli*" ta' self minn azzjonist.

(117) Huma josservaw ukoll li fi kwalunkwe każ l-abbozz tat-tħabbira ma jagħti ebda vantaġġ lil FT.

(118) L-awtoritajiet Franċiżi b'hekk jippreċiżaw li, peress li dan ma daħal qatt fis-seħħ, is-self ma ntużax minn FT u għaldaqstant dan ma setax dewwem il-ħtiġijiet tal-likwidità tal-Intrapriża. L-awtoritajiet Franċiżi jsostnu li t-tħabbira tas-self ma tikkostitwix garanzija. Għalhekk, il-liġi Franċiża ma tirrikonoxxix garanzija impliċita: kwalunkwe garanzija mogħtija mill-Istat għandha tiġi rratifikata b'liġi. L-ekwiparazzjoni ta' tħabbira ta' self possibbli mill-Istat ma' garanzija mhijiex preċiża. L-awtoritajiet Franċiżi jenfasizzaw ukoll il-fatt li l-garanzija li l-Istat ta lill-ERAP biex jippermettilha tiffinanzja l-parteċipazzjoni tagħha fit-tisħiħ tal-fondi proprji ta' FT m'għandhiex tiġi ekwiparata ma' garanzija mogħtija favur FT. Rigward l-ERAP, l-awtoritajiet Franċiżi jispeċifikaw li r-rwol tagħha kien kompletament newtrali u li intervjeniet biss għal raġunijiet baġitarji.

(119) Bl-istess mod, it-tħabbira mill-Istat ta' abbozz ta' proposta ta' self ma setgħetx tiffaċilita l-aċċess ta' FT fis-suq tal-bonds. L-ewwel nett, is-self obbligatarju ma jgawdix minn xi tip ta' garanzija, peress li t-tul tagħhom huwa itwal minn dak tas-self. Barra minn hekk, id-detenturi tal-bonds ma jingħataw ebda rimedju f'każ ta' inadempjenza fil-maturità. It-tieni, l-awtoritajiet Franċiżi jispeċifikaw li ma kienx possibbli li titqabbel it-tħabbira, mill-Istat, tal-possibbiltà li jantiċipa l-parteċipazzjoni tiegħu fit-tisħiħ tal-fondi proprji mal-garanzija mogħtija fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/89/KE ([28]) (Crédit Foncier de France) għax ladarba s-self previst f'dan il-każ kien ipotetiku u strettament limitat fit-tul u fl-ammont, waħdu ma setax isolvi l-problemi finanzjarji tal-intrapriża minħabba l-iskeda tad-dejn tagħha. It-tielet, l-awtoritajiet Franċiżi jenfasizzaw li l-ħruġ tal-bonds kien għalhekk iddeterminat biss mill-perċezzjoni li kellu s-suq rigward il-kapaċità ta' FT li tonora l-impenji tagħha weħidha mingħajr garanzija mill-Istat. Għalhekk, il-fiduċja tas-suq fil-ħruġ tal-bonds imsemmija kienet primarjament ġejja mill-bidla fid-diriġenza u mil-laqgħa favorevoli tal-istrateġija l-ġdida żvelata waqt il-preżentazzjoni tal-pjan Ambition 2005.

(120) Fir-rigward tar-rispett tal-prinċipju tal-investitur diliġenti fir-rigward tas-self possibbli, l-awtoritajiet Franċiżi enfasizzaw li ladarba d-deċiżjoni li jipparteċipa f'żieda tal-kapital ittieħdet u ġew issodisfati l-kondizzjonijiet, kienet ħaġa loġika li l-Istat jantiċipa l-parteċipazzjoni tiegħu. L-ewwel diskussjonijiet dwar dan l-abbozz ta' proposta ta' self tmur lura għal Novembru 2002. L-awtoritajiet Franċiżi enfasizzaw ukoll li l-leġittimità ta' tali miżura ma kinitx dubjuża għax, kif imsemmi hawn fuq, kienet ibbażata fuq pjan kredibbli u dettaljat li l-kontenut tiegħu kien essenzjalment magħruf matul il-perjodu tat-tħabbira tal-abbozz ta' proposta ta' self tal-4 ta' Diċembru 2002. Barra minn hekk, l-Istat diġà kien ikkommetta ruħu, soġġett għall-preżentazzjoni fis-suq ta' pjan kredibbli, mas-sindikat bankarju u kellu l-elementi kollha f'idejh mill-aħħar ta' Novembru biex jevalwa l-fatt li din il-kondizzjoni kienet se titneħħa, wara li osserva r-reazzjoni pożittiva tas-swieq mill-ħatra tad-diriġenti l-ġodda. L-awtoritajiet Franċiżi jenfasizzaw f'dan ir-rigward li mhuwiex xieraq li jiġi vvalutat l-ammont involut f'dan il-każ iżda li, skont il-ġurisprudenza Alitalia, ikun xieraq li tiġi eżaminata l-konformità tal-kondizzjonijiet ta' finanzjament tal-operazzjoni għal kumpanija ta' daqs komparabbli.

(121) Fir-rigward tar-remunerazzjoni tas-self possibbli, l-awtoritajiet Franċiżi jenfasizzaw li din kienet konformi mas-suq u li kienet ġiet miżjuda b'penali biex tirrifletti n-natura subordinata tagħha. L-awtoritajiet Franċiżi jenfasizzaw ukoll li l-abbozz kien jipprevedi tariffa fuq in-nuqqas ta' użu u li n-nuqqas ta' sigurtà kien konformi mal-prattika tal-investitur diliġenti fil-każ ta' self fuq żmien qasir minn azzjonist b'antiċipazzjoni tas-sottoskrizzjoni tiegħu għal żieda fil-kapital. L-awtoritajiet Franċiżi jindikaw ukoll li r-rimborż tas-somma fl-ishma kien jeżisti tabilħaqq u kien relatat ma' flus kontanti.

4.5. **It-tħabbira tal-Istat**

(122) L-awtoritajiet Franċiżi jenfasizzaw il-kuntest li fih għandhom jiġu analizzati d-dikjarazzjonijiet tal-Istat bħala azzjonist diliġenti. Għalhekk, bejn Settembru u Diċembru 2002, l-Istat ippromwova bidla fil-ġestjoni li l-element ewlieni tagħha kien il-bidla fid-diriġenza ta' FT u segwa mill-qrib l-iżvilupp tal-pjan ta' riekwilibriju filwaqt li żgura l-appoġġ tal-investituri privati f'każ ta' tnedija sussegwenti ta' żieda possibbli fil-kapital. Skont l-awtoritajiet Franċiżi, dawn il-miżuri operattivi kellhom impatt finanzjarju deċiżiv u wasslu għal-laqgħa pożittiva ħafna mis-swieq finanzjarji u għall-irkupru tal-valur ta' FT.

([28]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/89/KE tat-23 ta' Ġunju 1999, dwar l-approvazzjoni kundizzjonali tal-għajnuna mogħtija minn Franza lill-Crédit foncier de France (ĠU L 34, 3.2.2001, p. 36).

(123) L-awtoritajiet Franċiżi jenfasizzaw li l-Istat qatt ma indika jew issuġġerixxa li kien se jipprovdi lil FT appoġġ inkondizzjonat u illimitat. Huma jżidu li "*L-Istat […] enfasizza mis-sajf li kien se jagixxi bħala azzjonist privat diliġenti u mhux bħala awtorità pubblika u li kien biħsiebu jintervjeni bħala azzjonist b'modalitajiet (li kellhom jiġu definiti) li ma jkunux differenti minn dawk li kien jagħżel investitur privat, u dan neċessarjament jeskludi li l-Istat kien diġà ddeċieda li jintervjeni b'mod inkondizzjonat u irrevokabbli*" ([29]). Dawn id-dikjarazzjonijiet, li mhumiex differenti mill-modalitajiet li kien jagħżel investitur privat, jeskludu *de facto* kull appoġġ inkondizzjonat u irrevokabbli. L-awtoritajiet Franċiżi jargumentaw ukoll li d-dikjarazzjonijiet tal-awtoritajiet Franċiżi ta' bejn Lulju u Ottubru 2002 kienu jikkostitwixxu *"dikjarazzjonijiet vagi minn qabel"* mingħajr *"miżuri implimentattivi"* ([30]). L-awtoritajiet Franċiżi jippreċiżaw f'dan ir-rigward li d-dikjarazzjonijiet sussegwenti kellhom jiġu evalwati fid-dawl tal-ewwel dikjarazzjoni u li huwa żbaljat li jingħad li mit-12 ta' Lulju 2002, l-Istat ħa *"impenn irrevokabbli biex jappoġġja lil FT"* u li, f'dik l-okkażjoni, ħa *"impenn irrevokabbli biex jipparteċipa fit-tishiħ tal-fondi proprji"*. L-awtoritajiet Franċiżi jippreċiżaw li l-azzjonist ħabbar għall-ewwel darba f'Settembru 2002 l-intenzjoni tiegħu li jipparteċipa fit-tishiħ tal-fondi proprji tal-Intrapriża u li "*din kienet se tieħu l-forma ta' operazzjoni segwita mis-suq (referenza għal skeda li kellha tiġi definita skont il-kondizzjonijiet tas-suq)* ([31])".

(124) Dwar id-dikjarazzjoni tat-2 ta' Ottubru 2002, l-awtoritajiet Franċiżi jargumentaw li din ikkonfermat li l-preżentazzjoni ta' pjan meqjus kredibbli kienet prekondizzjoni għall-parteċipazzjoni tal-Istat.

(125) L-awtoritajiet Franċiżi jenfasizzaw ukoll li "l-uniċi miżuri speċifiċi maħsuba mill-Istat fil-kapaċità tiegħu bħala azzjonist maġġoritarju ta' FT huma dawk li ġew esposti fil-pakkett ta' informazzjoni/notifika mibgħut lill-Kummissjoni u mħabbar pubblikament fil-5 ta' Diċembru 2002, jiġifieri l-parteċipazzjoni flimkien ma' investituri privati f'żieda tal-kapital ta' EUR 15-il biljun fi proporzjon mal-parteċipazzjoni tiegħu fil-kapital ta' FT u tħabbira possibbli għal ishma rimunerati bil-kondizzjonijiet tas-suq b'antiċipazzjoni għal din iż-żieda tal-kapital. Il-fatt li l-Istat fakkar li kien se jkollu rwol ta' azzjonist ma jikkostitwixxix garanzija mill-Istat. Kieku d-dikjarazzjonijiet tal-Istat ta' bejn Lulju u Ottubru 2002 kienu fil-fatt legalment ekwivalenti jew saħansitra sempliċiment ipperċeputi mis-suq u mill-aġenziji tal-klassifikazzjoni bħala wegħda ta' *"garanzija illimitata"* lil FT, allura ma kien ikun hemm ebda tniżżil tal-klassifikazzjoni ta' FT f'Lulju u l-ispreads u l-klassifikazzjoni ta' FT matul dan il-perjodu kienu jirriflettu r-riskju tal-Istat (klassifikazzjoni AAA u spread baxxa ħafna). Fl-aħħar nett, il-konsiderazzjoni possibbli mill-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-preżenza tal-Istat bħala azzjonist maġġoritarju, irrispettivament minn kwalunkwe garanzija impliċita jew espliċita jew minn kwalunkwe miżura speċifika u irrispettivament mis-sitwazzjoni finanzjarja speċifika tal-intrapriża fi żmien partikolari fiha nnifisha ma tistax titqies bħala għajnuna mill-Istat. Approċċ bħal dan imur direttament kontra l-prinċipju tan-newtralità tal-liġi Komunitarja rikonoxxut mill-Artikolu 295 tat-Trattat KE" ([32]).

4.6. **L-evoluzzjoni tal-prezz tal-ishma ta' FT**

(126) L-awtoritajiet Franċiżi jargumentaw li l-miżuri operattivi biss kellhom impatt fuq il-prezz tal-ishma ta' FT. B'hekk, il-prezz tal-ishma tal-Intrapriża rkupra fit-2 ta' Ottubru 2002 (żieda ta' aktar minn 10,4 % matul il-ġimgħa tat-2 ta' Ottubru) wara t-tħabbira tal-ħatra tad-diriġenza l-ġdida, u ż-żieda fil-prezz tal-ishma kompliet u żdiedet bit-tħabbira tal-pjan TOP u bil-kumitat eżekuttiv il-ġdid tal-5 ta' Diċembru 2002, li rriżultaw f'żieda ta' aktar minn 25 % f'jumejn. L-awtoritajiet Franċiżi jinnotaw li d-dikjarazzjonijiet ta' prinċipju magħmula mill-Istat bejn Lulju u Ottubru 2002 ma kinux deċiżivi f'din iż-żieda u li sakemm ma kienx hemm miżuri operattivi, l-evoluzzjoni tal-prezz kienet baqgħet varjabbli, u dan jirrifletti l-inċertezza tas-suq rigward is-sitwazzjoni tal-Intrapriża. L-awtoritajiet Franċiżi jenfasizzaw li din il-perċezzjoni wasslet għal tnaqqis fil-prezz tal-ishma fil-borża li laħaq l-iktar punt baxx tiegħu fit-30 ta' Settembru 2002 b'parenteżi relattiva fl-istabbiltà matul is-sajf mingħajr tħabbir jew xniegħat partikolari. Huma jispeċifikaw li, matul dan il-perjodu, id-dikjarazzjonijiet tal-Istat fir-rigward tal-intenzjoni tiegħu li jaqdi r-rwol tiegħu ta' azzjonist ma waqqafx it-tendenza tat-tnaqqis fil-valur tal-ishma ta' FT.

4.7. **Kummenti dwar ir-rapport NERA**

(127) Fir-rigward tal-parti legali tar-rapport NERA, l-awtoritajiet Franċiżi ressqu l-kummenti li ġejjin:

— "Ir-rapport legali huwa bbażat fuq interpretazzjoni ħażina (anke tendenzjuża) tal-fatti. B'mod partikolari… dan ir-rapport jgħawweġ b'mod ċar il-kliem, madankollu ċar, li qal il-Ministru għall-Ekonomija f'intervista ma' ġurnalist ippubblikata f'Lulju 2002. L-awtoritajiet Franċiżi jikkontestaw b'mod qawwi li huwa possibbli li jiġu proposti interpretazzjonijiet infondati bħal dawn biex isiru konklużjonijiet legali, u b'mod partikolari li tiġi

([29]) Kummenti mill-awtoritajiet Franċiżi tad-29 ta' Lulju 2003, p. 8.
([30]) Kummenti mill-awtoritajiet Franċiżi tad-29 ta' Lulju 2003, p. 9.
([31]) Kummenti mill-awtoritajiet Franċiżi tad-29 ta' Lulju 2003, p. 8.
([32]) Kummenti mill-awtoritajiet Franċiżi tad-29 ta' Lulju 2003, p. 9.

affermata l-eżistenza ta' xi garanzija mogħtija mill-Istat lil France Télécom". "Din saħansitra lanqas biss hija dikjarazzjoni uffiċjali mill-Gvern jew minn France Télécom, iżda sempliċi artikolu tal-istampa li jirriproduċi t-test ta' intervista mal-Ministru għall-Ekonomija fil-kuntest usa' tal-prijoritajiet tal-Gvern, u għalhekk mingħajr ebda valur probatorju".

— "L-Istat, azzjonist ta' France Télécom, mhux biss dejjem kellu l-intenzjoni li jagħixxi bħala investitur diliġenti ma' France Télécom, iżda għażel ukoll li jesprimi b'mod ċar u pubbliku li din il-pożizzjoni kellha tkun prerekwiżit għall-possibilitajiet kollha possibbli interventi fil-fajl …". L-intervista tal-Ministru ta' Lulju 2002 ma tiżvelax l-adozzjoni ta' xi deċiżjoni. "… [Fil]waqt li baqa' kunfidenti fil-vijabilità ta' FT, l-Istat sempliċemet qajjem dubji dwar is-sitwazzjoni ta' France Télécom u, fil-kapaċità tiegħu bħala azzjonist maġġoritarju, kien qed jipprova jirfina l-analiżi tiegħu, mingħajr ma kien f'qagħda, f'dak l-istadju, li jistabbilixxi dijanjożi preċiża jew li jieħu xi deċiżjoni. Barra minn hekk, m'hemm ebda raġuni sabiex wieħed jassumi a priori li l-kliem 'miżuri adegwati' kienu qed jirreferu b'mod speċifiku għal miżuri finanzjarji".

— "L-awtoritajiet Franċiżi nnotaw ukoll bosta ineżattezzi fir-raġunament ifformulat fir-rapport legali. Dan ir-rapport b'hekk juri nuqqas ċar ta' oġġettività, ġieli billi jadotta analiżijiet legali kontestabbli ħafna (partikolarment dwar il-kwalifika tal-ittri ta' intenzjoni u l-ambitu tal-impenn unilaterali fil-liġi ċivili u kummerċjali), xi kultant permezz ta' applikazzjoni mhux iġġustifikata għall-fatti taħt eżami ta' ċerti kwalifiki legali irrilevanti (pereżempju, l-applikazzjoni tat-teorija tal-ġestjoni kummerċjali jew tar-regoli tal-liġi internazzjonali pubblika fir-relazzjonijiet bejn intrapriża u l-azzjonist maġġoritarju tagħha)".

— "Il-konklużjonijiet tar-rapport legali li jimmiraw li jistabbilixxu l-eżistenza ta' 'garanzija illimitata' mogħtija lil France Télécom mill-Istat fl-aħħar mill-aħħar huma totalment infondati fid-dritt Komunitarju". Skont il-ġurisprudenza Compagnie nationale Air France ([33]), id-dikjarazzjonijiet inkwistjoni ma jimplikawx impenn sod u inkundizzjonat mill-Istat.

— Fir-rigward tar-rikonċiljazzjoni bejn id-dikjarazzjonijiet tal-Ministru ta' Lulju u l-ittra ta' intenzjoni, l-awtoritajiet Franċiżi jenfasizzaw li *(i) "fl-ewwel lok, hija l-essenza tal-ittra ta' intenzjoni li għandha tiġi indirizzata lil benefiċjarju, (ii) it-tieni, u bħala riżultat tal-osservazzjoni preċedenti, l-effettività tal-proċess hija kkondizzjonata bl-aċċettazzjoni tal-benefiċjarju msemmi, (iii) finalment, l-ambitu tal-impenn (fir-rigward tal-oġġett tagħha u fir-rigward tal-forza li l-awtur tagħha jixtieq jorbot magħha) jiddependi esklużivament mit-termini użati". "Għalhekk… il-karattru tad-dikjarazzjonijiet ministerjali bħala minimu … jeskludi mingħajr dubju kwalunkwe impenn favur France Télécom jew il-krediturі tagħha, biex ma nsemmux kwalunkwe obbligu ta' riżultat (u għalhekk kwalunkwe idea ta' garanzija) kif ukoll kull obbligu ta' mezzi". "It-tweġiba tal-Ministru… turi l-fatt li ebda deċiżjoni — għajr dik li jagħixxi bħala azzjonist diliġenti — ma kienet ittieħdet mill-Istat azzjonist, illi, filwaqt li żamm il-fiduċja fil-kwalità operattiva tal-kumpanija, f'dik id-data ma kienx f'qagħda li jagħmel dijanjożi preċiża biżżejjed jew li jieħu xi deċiżjoni". "Il-ġurisprudenza … qatt ma kkunsidrat li impenn ta' garanzija mingħajr benefiċjarju(i) partikolari tista' tiġi invokata b'dan il-mod minn kwalunkwe persuna li jkollha interess fiha. Dan mhu sorprendenti xejn, peress li huwa fin-natura tal-garanzija jew l-ittra ta' intenzjoni li din tkun indirizzata lil benefiċjarju wieħed jew aktar. Peress li ma kinitx maħsuba għal xi benefiċjarju partikolari, mhux sorprendenti, fit-tieni lok, li l-allegat impennn ma ġiex aċċettat".* Fir-rigward tal-ipoteżi tal-ġestjoni kummerċjali, dan il-kunċett assolutament ma jaħdimx f'dan il-każ.

— Fir-rigward tal-liġi amministrattiva, "[minn] naħa, sempliċi rimarki lil ġurnalist — bħal dawk magħmula mill-Ministru għall-Ekonomija fit-12 ta' Lulju 2002 — ma jikkostitwixxux "att li jikkawża preġudizzju" li probabbli joħloq drittijiet u obbligi, aħseb u ara garanzija mogħtija lil France Télécom mill-Istat.".

— "Il-konklużjonijiet tal-konsulent legali huma b'mod ċar kontra l-prattika deċiżjonali tal-Kummissjoni u l-ġurisprudenza Komunitarja applikabbli għall-għajnuna mill-Istat, li tissoġġetta l-eżistenza ta' għajnuna għall-wiri ta' impenn sod, preċiż u inkondizzjonat tal-Istat ikkonċernat, u dan b'ebda mod ma tfisser bid-dikjarazzjonijiet ministerjali tat-12 ta' Lulju 2002". "Miżura mill-Istat, tkun xi tkun il-forma tagħha, għandha tabilħaqq tkun preċiża u konkreta biżżejjed sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiddetermina l-eżistenza stess ta' vantaġġ".

(128) Fir-rigward tal-parti ekonomika tar-rapport, l-awtoritajiet Franċiżi jenfasizzaw li r-rapport isib li FT ma kinitx intrapriża f'diffikultà fiż-żmien tal-fatti inkwistjoni (għax kellha aċċess għas-suq finanzjarju u ma kellhiex problema ta' vijabbiltà fit-tul) u li l-parteċipazzjoni tal-Istat azzjonist fil-pjan ta' riekwilibriju tal-bilanċ tal-kumpanija kienet konformi mal-kriterju tal-investitur privat.

([33]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Diċembru 1996, Compagnie nationale Air France vs il-Kummissjoni, T-358/94, ECLI:EU:T:1996:194; ara wkoll id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/662/KE tas-27 ta' Lulju 1994 dwar is-sottoskrizzjoni ta' CDC participations għal ħruġ ta' bonds ta' Air France (ĠU L 258, 6.10.1994, p. 26).

5. VALUTAZZJONI TAL-MIŻURA SKONT L-ARTIKOLU 107(1) TAT-TRATTAT

(129) L-Artikolu 107(1) tat-TFUE jipprevedi li kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, safejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern. Skont il-ġurisprudenza stabbilita, il-kunċett ta' għajnuna jinkludi mhux biss sussidji pożittivi, iżda wkoll miżuri li, taħt forom differenti, inaqqsu l-ħlasijiet li normalment huma inklużi fil-baġit ta' impriża u li, għalhekk mingħajr ma jkunu sussidji fis-sens strett tal-kelma, huma simili fin-natura tagħhom u għandhom effett identiku ([34]). Minn dak li ntqal hawn fuq jirriżulta li l-kunċett ta' għajnuna huwa bbażat fuq il-kunċett ta' vantaġġ ekonomiku, li jiffoka esklużivament fuq l-effetti ta' dan tal-aħħar, u għaldaqstant il-kriterju formali huwa indifferenti ([35]).

(130) Skont ġurisprudenza stabbilita, il-klassifikazzjoni bħala għajnuna mill-Istat, fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, titlob li l-kondizzjonijiet kollha msemmija minn din id-dispożizzjoni jiġu ssodisfati ([36]). Għaldaqstant, sabiex miżura nazzjonali tkun tista' tiġi kwalifikata bħala għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, fl-ewwel lok din għandha tkun intervent mill-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, fit-tieni lok, dak l-intervent għandu jkun jista' jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri, fit-tielet lok, għandu jagħti vantaġġ selettiv lill-benefiċjarju tiegħu u, fir-raba' lok, għandu jfixkel jew jhedded li jfixkel il-kompetizzjoni ([37]).

(131) Barra minn hekk, skont ġurisprudenza stabbilita, l-intervent tal-awtoritajiet pubbliċi fil-kapital ta' intrapriża, fi kwalunkwe forma, jista' jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, meta jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet ta' dan l-artikolu ([38]).

(132) Fir-rigward tal-kondizzjoni li skontha l-miżura inkwistjoni għandha tiġi analizzata bħala għoti ta' benefiċċju lill-benefiċjarju tagħha fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, l-interventi għandhom jitqiesu bħala għajnuna mill-Istat permezz ta' riżorsi tal-Istat li, tkun xi tkun il-forma tagħha, aktarx direttament jew indirettament tiffavorixxi lill-intrapriżi jew tagħti lill-benefiċjarju vantaġġ ekonomiku li ma kienx jikseb taħt kondizzjonijiet normali tas-suq ([39]).

(133) F'dan il-każ, jidher xieraq li l-ewwel tiġi eżaminata l-preżenza ta' vantaġġ għal FT iffinanzjat permezz tar-riżorsi tal-Istat. Fil-fatt, jekk il-Kummissjoni ma setgħetx tikkonkludi li tali vantaġġ huwa preżenti jew li kien iffinanzjat mir-riżorsi tal-Istat, allura għandha tikkonkludi li l-miżura kkunsidrata ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat, peress li l-kondizzjonijiet għall-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat huma kumulattivi.

(134) Bħala punt preliminari, tajjeb li jiġu mfakkra l-prinċipji li japplikaw għal din l-analiżi, kif stipulat fis-sentenza *Bouygues*. Il-Qorti għalhekk qieset li:

> "103. ma jistax jiġi eskluż […] li diversi interventi konsekuttivi mill-Istat għandhom, għall-iskopijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE, jitqiesu bħala intervent wieħed.
>
> 104. Dan jista' jkun il-każ b'mod partikolari meta l-interventi konsekuttivi jkollhom, b'mod partikolari fid-dawl tal-kronoloġija tagħhom, l-għan tagħhom u s-sitwazzjoni tal-impriża fiż-żmien ta' dawn l-interventi, rabtiet tant mill-qrib bejniethom li jkun impossibbli li dawn jiġu sseparati minn xulxin […].

([34]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Marzu 1994, Banco Exterior de España, C-387/92, ECLI:UE:C:1994:100, paragrafu 13, is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Settembru 2000, il-Ġermanja vs il-Kummissjoni C-156/98, ECLI:UE:C:2000:467, paragrafu 25, is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Ġunju 2000, EPAC vs il-Kummissjoni, T-204/97 u T-270/97, ECLI:UE:T:2000:148.

([35]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Novembru 1984, Intermills vs il-Kummissjoni, C-323/82, ECLI:UE:C:1984:345, paragrafu 31; Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Jannar 1998, Ladbroke vs il-Kummissjoni, T-67/94, ECLI:EU:T:1998:7, punt 52.

([36]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Settembru 2010, il-Kummissjoni vs Deutsche Post, C-399/08 P, ECLI:UE:C:2010:481, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata, is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni vs Hansestadt Lübeck, C-524/14 P, ECLI:UE:C:2016:971, punt 40, is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni vs World Duty Free Group SA e.a., C-20/15 P u C-21/15 P ECLI:UE:C:2016:981, punt 53, u s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-20 ta' Settembru 2017, il-Kummissjoni vs Frucona Kosice, C-300/16 P, ECLI:UE:C:2017:706, punt 19.

([37]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Settembru 2010, il-Kummissjoni vs Deutsche Post, C-399/08 P, ECLI:UE:C:2010:481, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata, is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni vs Hansestadt Lübeck, C-524/14 P, ECLI:UE:C:2016:971, punt 40, is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni vs World Duty Free Group SA e.a., C-20/15 P u C-21/15 P ECLI:UE:C:2016:981, punt 53, u s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-20 ta' Settembru 2017, il-Kummissjoni vs Frucona Kosice, C-300/16 P, ECLI:UE:C:2017:706, punt 19.

([38]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Settembru 1994, Spanja vs il-Kummissjoni, C-278/92 sa C-280/92, ECLI:EU:C:1994:325, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata, u s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Mejju 2003, l-Italja u SIM 2 Multimedia vs il-Kummissjoni, C-399/00 u C-328/99, ECLI:EU:C:2003:252, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata.

([39]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Settembru 2010, il-Kummissjoni vs Deutsche Post, C-399/08 P, ECLI:UE:C:2010:481, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata.

105. Il-Qorti kkonkludiet li, billi kienet ikkunsidrat li kien jenħtieġ li jiġi identifikat tnaqqis fil-baġit tal-Istat jew fir-riskju ekonomiku suffiċjentament konkret ta' pożijiet li jaqgħu fuq dan il-baġit marbut mill-qrib u li jikkorrispondi, jew li jagħmel tajjeb, għal vantaġġ speċifiku riżultanti kemm mill-avviż tal-4 ta' Diċembru 2002 kif ukoll mis-self minn azzjonist, il-Qorti Ġenerali wettqet żball fil-liġi meta applikat kriterju ta' natura li jeskludi mill-ewwel li dawn l-interventi statali jistgħu, abbażi tar-rabtiet bejniethom u tal-effetti tagħhom, jitqiesu bħala intervent wieħed.

106. Barra minn hekk, għandu jingħad li jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li intervent tal-istat jista', minħabba li jpoġġi lill-impriżi li għalihom japplika f'sitwazzjoni iktar favorevoli minn oħrajn u joħloq riskju suffiċjentament konkret ta' realizzazzjoni, fil-futur, ta' piż supplimentari għall-Istat, jista' jkun ta' piż fuq ir-riżorsi tal-Istat […].

107. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-okkażjoni li tippreċiża li vantaġġi konsentiti fil-forma ta' garanzija tal-Istat jistgħu jimplikaw piż supplimentari għall-Istat […].

108. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, peress li, f'termini ekonomiċi, il-modifika tal-kundizzjonijiet tas-suq, li tiġġenera vantaġġ indirettament mogħti lil ċerti impriżi, hija r-riżultat tat-telf tar-riżorsi min-naħa tal-awtoritajiet pubbliċi, anki t-teħid ta' deċiżjoni awtonoma min-naħa tal-investituri ma għandux bħala effett li jħassar rabta eżistenti bejn l-imsemmi telf tar-riżorsi u l-vantaġġ li jibbenefikaw minnu l-impriżi kkonċernati […].

109. B'hekk, għall-finijiet tal-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi rabta suffiċjentament diretta bejn, minn naħa, il-vantaġġ mogħti lil benefiċjarju u, min-naħa l-oħra, tnaqqis tal-baġit tal-Istat, saħansitra riskju ekonomiku suffiċjentament konkret tal-pożijiet li jaqgħu fuqu […]

110. Min-naħa l-oħra, […] la huwa neċessarju li tali tnaqqis, jew anki tali riskju, jikkorrispondi jew ikun ekwivalenti għall-vantaġġ, la li dan tal-aħħar ikollu bħala konsegwenza tali tnaqqis jew tali riskju, u lanqas li jkun tal-istess natura bħall-impenn tar-riżorsi tal-Istat minn fejn jirriżulta."

(135) Fir-rigward tal-interpretazzjoni u tal-ambitu tad-deċiżjoni li tinfetaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali relatata mal-miżura inkwistjoni, is-sentenza *Bouygues* tinnota li d-deċiżjoni tal-ftuħ tirrigwarda eskluživament il-miżuri nnotifikati u għalhekk ma tikkonċernax *"il-kwistjoni dwar jekk id-dikjarazzjonijiet minn Lulju 2002 jammontaw, fihom infushom, għal għajnuna mill-Istat"* ([40]). Din id-deċiżjoni finali, li għandha oġġett delimitat bid-deċiżjoni tal-ftuħ, għalhekk ma testendix għal din il-kwistjoni.

(136) Dejjem bħala punt preliminari, il-Kummissjoni tfakkar li l-valutazzjonijiet tal-fatti u tal-liġi adottati mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza tat-2 ta' Lulju 2015 ([41]), moqrija fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tat-30 ta' Novembru 2016 ([42]), sakemm ma jikkostitwixxux l-appoġġ meħtieġ tad-dispożittiv tagħha, għandhom l-awtorità ta' res judicata.

5.1. **Il-miżuri meħuda minn Franza bejn Lulju u Ottubru 2002 kellhom effett importanti fuq is-suq**

(137) Id-dikjarazzjonijiet minn Lulju 2002 għamluha possibbli li tinżamm il-klassifikazzjoni ta' FT bħala investiment kif ukoll li tinkiseb lura l-fiduċja fis-swieq finanzjarji. Għamluha possibbli, eħfef u orħos biex FT ikollha aċċess għal krediti ġodda meħtieġa biex tiffinanzja mill-ġdid id-dejn fuq żmien qasir tagħha sa EUR 15-il biljun u fl-aħħar għenu biex tiġi stabilizzata s-sitwazzjoni finanzjarja fraġli ħafna tagħha, li, f'Ġunju u f'Lulju 2002, kienet f'punt li tiddeterjora sostanzjalment.

(138) Matul l-ewwel nofs tal-2002, il-klassifikazzjoni ta' FT tnaqqset b'mod sinifikanti wara l-pubblikazzjoni tal-kontijiet annwali tagħha tal-2001. Fl-24 ta' Ġunju 2002, Moody's niżżlet il-klassifikazzjoni tal-Intrapriża għall-aħħar pożizzjoni fil-grad ta' investiment sigur, li jippreċedi l-grad ta' "junk bond", u dan għamilha diffiċli ħafna biex tiffinanzja mill-ġdid id-dejn tagħha ([43]). Dan id-deterjorament ikkawża ansjetà kbira fis-swieq finanzjarji

([40]) Punti 70 sa 72 tas-sentenza *Bouygues*.
([41]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' Lulju 2015, Franza vs il-Kummissjoni, T-425/04 RENV u T-444/04 RENV, ECLI:EU:T:2015:450.
([42]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-30 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni vs Franza, C-486/15 P, ECLI:EU:C:2016:912.
([43]) Ara d-dikjarazzjonijiet tas-CEO preċedenti ta' FT, Michel Bon, ippubblikati fl-istampa: artikolu f'La Tribune tas-16 ta' Settembru 2002 "… it-tnaqqis fil-klassifikazzjoni jipprevjeni l-finanzjament mill-ġdid previst"; artikolu f'Le Monde tas-16 ta' Settembru 2002 "id-deterjorament fl-aħħar ta' Ġunju fil-klassifikazzjoni attribwit lid-dejn ta' FT mill-aġenzija tal-klassifikazzjoni Moody's […] għalqilna l-aċċess għas-suq"; artiklu fil-Financial Times tas-16 ta' Settembru 2002 "FT ma tistax tkampa meta ħadd ma jrid jislifna l-flus u, għall-kuntrarju, meta kulħadd irid jitħallas minnufih. Fis-swieq kurrenti, ir-rifinanzjament tad-dejn tagħna huwa sempliċement impossibbli.".

fir-rigward tal-pożizzjoni finanzjarja ta' FT (u b'mod partikolari l-kapaċità tagħha li tiffinanzja mill-ġdid id-dejn ta' EUR 15-il biljun tagħha li kellu jimmatura fi tmiem l-2003) u s-swieq imbagħad kellhom aspettattiva ta' reazzjoni mill-Istat biex jassigurawhom. Dawn iċ-ċirkostanzi jindikaw li l-Istat kellu jintervjeni b'mod urġenti sabiex jikseb il-fiduċja fis-suq u jipprevjeni deterjorament ulterjuri fil-klassifikazzjoni ta' FT fil-grad ta' "junk bond", li kien ikollu konsegwenzi negattivi ħafna ([44]) fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Intrapriża.

(139) Il-Gvern Franċiż b'hekk ippreserva din il-fiduċja permezz ta' dikjarazzjonijiet suċċessivi. Filfatt, l-intervent tal-Istat kellu l-effett li jipprevjeni kwalunkwe deterjorazzjoni fil-klassifikazzjoni ta' FT għall-grad ta' "junk bond" kif imsemmi b'mod ċar fl-istqarrija għall-istampa ta' S&P tat-12 ta' Lulju 2002 li tindika li l-assigurazzjonijiet ipprovduti mill-Istat kienu fattur ewlieni fil-fatt li FT ma sfatx degradata għall-grad ta' "junk bond".

(140) Fir-rigward tar-reazzjoni tas-suq, it-tħabbira tat-12 ta' Lulju 2002 ikkawżat żieda mhux normali u sinifikanti fil-valur tal-ishma u l-bonds ta' FT. B'hekk, il-prezz tal-ishma ta' FT meta mqabbel ma' sett ta' indiċijiet tas-settur tat-telekomunikazzjoni rilevanti għas-suq żdied fil-medda ta' bejn 37,8 % u 43,8 %. Iż-żieda anormali fil-prezzijiet tal-bonds kienet bejn 3,2 % u 9,7 %. Din ir-reazzjoni timplika li s-suq emmen li, b'din it-tħabbira, l-Istat ikkommetta ruħu li joffri aktar appoġġ lil FT ([45]). Fir-rigward tal-kummenti tal-analisti finanzjarji, id-Deutsche Bank, pereżempju, f'rapport ippubblikat fit-22 ta' Lulju 2002, semma li s-suq kien konvint, fid-dawl tad-dikjarazzjonijiet tal-Gvern, mill-għajnuna mill-Istat favur FT, anke jekk is-suq kien qed jistaqsi dwar l-ambitu u t-termini ta' dan l-appoġġ ([46]). Bl-istess mod, l-aġenzija S&P qieset li d-dikjarazzjonijiet tal-Gvern kienu kredibbli, sal-punt li influwenzat l-klassifikazzjoni tal-intrapriża. Fit-12 ta' Lulju, S&P niżżlet il-klassifikazzjoni ta' FT fil-grad BBB-, iżda madankollu żammet il-klassifikazzjoni tagħha bħala investiment sigur b'perspettiva stabbli ([47]). Il-fatt li l-appoġġ mill-Istat kien kredibbli biżżejjed biex jippermetti li l-klassifikazzjoni ta' FT tibqa' fil-gradta' investiment sigur huwa wkoll ikkorroborat minn FT innifsu ([48]).

(141) Dawn id-dikjarazzjonijiet kellhom effetti sinifikanti ħafna fuq is-suq. Studju tal-kummenti u dokumenti ppreżentati mill-awtoritajiet Franċiżi u tal-ħidma parlamentari disponibbli juru li d-dikjarazzjonijiet tal-Istat għenu biex tinkiseb lura l-fiduċja fis-swieq finanzjarji ([49]). Tabilħaqq, mill-istqarrija għall-istampa ta' S&P tat-12 ta' Lulju 2002, l-aġenziji tal-klassifikazzjoni qablu li jenfasizzaw li l-appoġġ muri mill-Istat minn Lulju 2002 kien deċiżiv fiż-żamma tal-klassifikazzjoni ta' France Télécom fil-grad ta' investiment sigur. Iż-żamma tal-klassifikazzjoni ta' FT fil-grad ta' investiment sigur ippermettiet li FT tevita spejjeż finanzjarji addizzjonali ([50]) fuq il-fondi li kienet diġà ssellfet minħabba l-preżenza ta' klawżoli *set-up* ([51]) f'ċerti ħarġiet ta' bonds kif ukoll fuq fondi li kellha tissellef aktar tard. Barra minn hekk, iż-żamma tal-klassifikazzjoni fil-grad ta investiment sigur ippermettiet li FT tirkupra l-pożizzjoni finanzjarja tagħha permezz ta' operazzjoni ta' rikapitalizzazzjoni. Fil-fatt, diġà f'Settembru 2002, waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-banek għall-parteċipazzjoni tagħhom fir-rikapitalizzazzjoni kienet *"iż-żamma tal-klassifikazzjonijiet attwali tad-dejn fuq żmien twil tal-Intrapriża mill-aġenziji ta' klassifikazzjoni Moody's u Standard & Poor; din il-kondizzjoni se tkun inkluża fil-ftehim ta' garanzija u investiment"* ([52]).

([44]) Xi jemmnu wkoll li l-intrapriża lanqas biss setgħet issib il-likwidità meħtieġa fis-suq f'każ ta' tniżżil fil-klassifikazzjoni tagħha. Ara, pereżempju, p. 9 tar-rapport imsemmi qabel Goldman Sachs tat-22 ta' Lulju 2002: "Jekk dawn il-bonds jitmexxew mis-segment tal-grad ta' investiment tas-suq tad-dħul fiss, għal "junk", jiġifieri rendiment għoli, dawn jgħabbu lis-suq ta' rendiment għoli Ewropew (…) [u] nemmnu li jkun diffiċli għall-bażi tal-investituri Ewropej eżistenti biex tassorbi weħidha l-bonds kollha ta' France Telecom.".

([45]) Ir-Rapport NERA: *"Ir-riżultati ta' studju ta' avveniment li janalizza l-effett fuq il-prezzijiet tal-ishma u tal-bonds tat-tħabbira tat-12 ta' Lulju 2002. L-istudju juri li hemm effett pożittiv qawwi: b'riżultat tad-dikjarazzjoni, il-parteċipanti fis-suq qiesu li l-flussi ta' flus li France Télécom kienet tiġġenera kienu se jkunu ogħla milli kieku kienu jkunu mod ieħor. Barra minn hekk, l-effett huwa statistikament sinifikanti b'mod qawwi: mhuwiex ir-riżultat ta' varjazzjonijiet każwali fil-prezzijiet … Is-suq emmen li, b'riżultat tad-dikjarazzjoni, l-Awtoritajiet Franċiżi kienu se joffru aktar appoġġ lil France Télécom milli kieku kienu jagħmlu fin-nuqqas ta' spejjeż ta' inadempjenza"*.

([46]) Rapport mid-Deutsche Bank tat-22 ta' Lulju 2002 intitolat *France Télécom/Deutsche Telekom Debt Liquidity and possible solution*, p. 19-33.

([47]) *France Télécom LT rating cut to "BBB-"; Off Watch; Outlook Stable; Teleconf 3:30PM BST Today*, Standard & Poor's Ratings Direct, 12 ta' Lulju 2002.

([48]) *Board meeting presentation*, France Télécom mission Etat des lieux, Diċembru 2002, p. 36.

([49]) F'ittra separata li takkumpanja l-protokoll finanzjarju ffirmat mill-bank Morgan Stanley fit-12 ta' Settembru 2002 rigward l-impenn tal-bank imsemmi fir-rigward taż-żieda tal-kapital ippjanata għall-Intrapriża, ir-rappreżentant tal-bank ma kienx ambigwu dwar dan il-punt: "Aħna nemmnu li l-operazzjoni prevista se tkun diffiċli fil-kondizzjonijiet attwali u li reazzjoni pożittiva mis-suq għad-dikjarazzjonijiet u għall-istqarrijiet li sejrin jiġu ppubblikati fi tmiem il-ġimgħa se tkun waħda mill-elementi ewlenin biex jinħolqu l-kondizzjonijiet meħtieġa għat-twettiq ta' din l-operazzjoni".

([50]) Ara l-formola FT 20-F, Marzu 2003, p. 15-16 "tnaqqis bi grad wieħed fil-klassifikazzjoni tad-dejn tagħha fuq żmien twil minn S&P u Moody's awtomatikament iżżid l-ispiża tal-imgħax annwali tagħha b'madwar EUR 75 miljun.".

([51]) Klawsola "step-up" tiddetermina żieda fil-kupun tal-bonds u fir-rati tal-imgħax fuq il-linji ta' kreditu skont il-grad tal-klassifikazzjoni.

([52]) Protokolli tal-ftehim iffirmat fil-11 u t-12 ta' Settembru 2002 bejn l-Istat u l-banek (kundizzjoni h).

5.2. **Madankollu, dawn mhumiex marbutin b'mod indissolubbli mal-miżuri ta' Diċembru 2002**

(142) Fit-tmiem tal-valutazzjoni sovrana tal-fatti, il-Qorti Ġenerali sabet li s-self minn azzjonist offrut mill-Istat lil FT ma kienx seħħ sa Diċembru 2002, li l-Gvern Franċiż ma kien ħa ebda impenn sod f'Lulju 2002, u li d-deċiżjoni li jingħata appoġġ finanzjarju lil FT permezz tal-offerta tas-self minn azzjonist ma saritx matul Lulju 2002 iżda fil-bidu ta' Diċembru 2002 ([53]).

(143) Il-Qorti Ġenerali kkunsidrat ukoll li ma jistax jiġi eskluż li investitur privat ikun adotta, bejn Lulju u Diċembru 2002, imġiba simili għal dik tal-Istat Franċiż ([54]).

(144) Mis-sejbiet u mill-valutazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali jirriżulta wkoll, fil-paragrafi 249-254 tas-Sentenza tat-2 ta' Lulju 2015 ([55]), li seħħet waqfa sinifikanti bejn il-miżuri tal-Istat meħuda minn Franza fir-rigward ta' France Télécom bejn ix-xhur ta' Lulju u Diċembru 2002.

(145) Barra minn hekk, fil-punt 230 tas-sentenza, il-Qorti nnotat *"sensiela ta' elementi rilevanti li effettivament iddeterminaw id-deċiżjoni tal-Istat Franċiż f'Diċembru 2002, jiġifieri, minbarra l-istabbiliment mill-ġdid tal-fiduċja tas-swieq finanzjarji u ż-żamma tal-klassifikazzjoni ta' FT, fl-ewwel lok, il-miżuri ta' ristrutturar u ta' bbilanċjar mill-ġdid meħuda fi ħdanha, fosthom il-pjan Ambition 2005 fformulat mid-diriġenti l-ġodda tagħha bejn Ottubru u Diċembru 2002, li kien jipprevedi b'mod partikolari l-implementazzjoni ta' pjan ta' titjib tal-prestazzjoni operazzjonali tal-impriża, imsejjaħ il-"pjan TOP"."* Qieset ukoll li f'dan il-każ ċerti *"elementi essenzjali"* ta' valutazzjoni kienu jikkostitwxxu *"impenn mogħti minn sindikat bankarju, f'Settembru 2002, li jikkostitwixxi ruħu bħala garanti, fir-rigward tal-parti ddestinata għall-investituri privati, għall-eżitu b'suċċess ta' żieda tal-kapital ta' FT, it-trasferiment ta' assi mhux strateġiċi minnha, bejn Lulju u Diċembru 2002, li kienu jammontaw għal madwar EUR 2,5 biljun, l-implementazzjoni f'Ottubru 2002 ta' tim diriġenti ġdid għall-impriża u r-riżoluzzjoni, f'Novembru 2002, ta' kawża bejn FT u l-operatur Ġermaniż Mobilcom. Barra minn hekk, dawn l-elementi kollha wasslu għal titjib sinifikanti tal-perspettivi operazzjonali u tal-prestazzjonijiet ta' FT matul it-tieni semestru tas-sena 2002"*.

(146) Fil-punt 143 tas-Sentenza tat-30 ta' Novembru 2016 ([56]), il-Qorti tqis li *"f'dawn iċ-ċirkustanzi, l-antiċipazzjoni għax-xahar ta' Lulju 2002 tal-mument li fih il-kriterju ta' investitur privat avżat kellu jiġi evalwat, neċessarjament wasslet għall-esklużjoni minn din l-evalwazzjoni ta' fatturi rilevanti li seħħew bejn ix-xahar ta' Lulju 2002 u x-xahar ta' Diċembru 2002, kif ġustament ikkonstatat il-Qorti Ġenerali fil-punt 230 tas-sentenza appellata."*

(147) Konsegwentement, fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, ma hemm ebda rabta indissolubbli bejn il-miżuri meħuda mill-awtoritajiet Franċiżi qabel Diċembru 2002 u l-miżuri li ħadu f'Diċembru 2002. Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi eżaminat jekk, bejn l-4 ta' Diċembru 2002, id-data tat-tħabbira tas-self minn azzjonist mill-Istat lil FT, u l-20 ta' Diċembru 2002, id-data li fiha l-Istat ikkomunika lil FT abbozz ta' kuntratt ta' self minn azzjonist iffirmat u inizjalat, l-elementi li jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat ġewx issodisfati, u b'mod aktar partikolari, jekk l-Istat imbagħad aġixxiex bħala operatur privat diliġenti fl-ekonomija tas-suq.

5.3. **Il-miżuri meħudin minn Franza f'Diċembru 2002 issodisfaw il-kriterju tal-investitur privat**

(148) Is-self minn azzjonist ta' Diċembru 2002 jidher li jagħti vantaġġ lil FT minħabba li jippermettilha żżid il-mezzi ta' finanzjament tagħha u li tassigura lis-suq dwar il-kapaċità tagħha li taffaċċja l-iskadenzi tagħha. Għalkemm il-ftehim ta' self qatt ma ġie ffirmat, l-impressjoni mogħtija lis-suq dwar l-eżistenza ta' dan is-self *a priori* tista' tagħti vantaġġ lil FT, għaliex is-suq ikkunsidra li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Intrapriża kienet iktar solida ([57]). Dan seta' influwenza l-kondizzjonijiet tas-self ta' FT. Wieħed jista' mbagħad jara l-preżenza ta' effett vantaġġjuż tal-miżuri meħuda mill-Istat f'Diċembru 2002 favur FT.

([53]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-30 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni vs Franza, C-486/15 P, ECLI:EU:C:2016:912, punt 142 u l-punti tas-Sentenza tal-Qorti tat-2 ta' Lulju 2015, ir-Repubblika Franċiża vs il-Kummissjoni Ewropea, T-425/04 RENV u T-444/04 RENV, ECLI:EU:T:2015:450, li tirreferi għaliha.

([54]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-30 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni vs Franza, C-486/15 P, ECLI:EU:C:2016:912, punt 137 u l-punti tas-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' Lulju 2015, ir-Repubblika Franċiża vs il-Kummissjoni Ewropea, T-425/04 RENV u T-444/04 RENV, ECLI:EU:T:2015:450, punt 247.

([55]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' Lulju 2015, Franza vs il-Kummissjoni, T-425/04 RENV u T-444/04 RENV, ECLI:EU:T:2015:450

([56]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-30 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni vs Franza, C-486/15 P, ECLI:EU:C:2016:912.

([57]) Ara pereżempju *"Moody's issa tistenna li taħlita ta' din il-faċilità taħt il-faċilità sindakalizzata eżistenti ta' EUR 15-il biljun u l-fluss ħieles tal-kontanti se tippermetti li l-maturitajiet tad-dejn ta' EUR 15-il biljun jithallsu lura matul it-12-il xahar li ġejjin"*, Moody's, 9 ta' Diċembru 2002.

(149) Madankollu, miżura mhijiex meqjusa li tikkostitwixxi vantaġġ u għalhekk ma taqax taħt il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat jekk l-impriża riċevitriċi tkun tista' tikseb l-istess vantaġġ bħal dak li kien magħmul disponibbli għaliha permezz ta' riżorsi tal-Istat fiċ-ċirkostanzi li jikkorrespondu għall-kundizzjonijiet normali tas-suq, b'din il-valutazzjoni tkun magħmula għall-impriżi pubbliċi, bl-applikazzjoni, fil-prinċipju, tal-kriterju ta' operatur privat prudenti.

(150) F'dan il-każ, jenħtieġ jiġi vvalutat jekk, f'ċirkostanzi simili, f'Diċembru 2002, investitur privat ta' daqs komparabbli kienx ikollu jagħmel kontribuzzjonijiet ta' kapital bl-istess ammont, partikolarment fid-dawl tal-informazzjoni disponibbli u tal-iżviluppi prevedibbli fid-data tal-kontribuzzjonijiet imsemmija ([58]). Il-kriterju tal-investitur privat diliġenti għandu għalhekk jiġi applikat billi jitqiegħed fil-mument meta l-miżura tal-Istat tal-appoġġ finanzjarju li aktarx tikkwalifika bħala għajnuna mill-Istat ġiet adottata ([59]), jiġifieri bejn l-4 ta' Diċembru 2002 u l-20 ta' Diċembru 2002.

(151) Filfatt, it-tħabbira tal-4 ta' Diċembru 2002 u l-offerta tas-self minn azzjonist tal-20 ta' Diċembru 2002 għandhom jiġu eżaminati b'mod konġunt ([60]).

(152) F'Diċembru 2002, jidher li l-fiduċja tas-suq finanzjarju fil-futur ta' FT kienet ġeneralment restawrata u li l-klassifikazzjoni ta' FT kienet miżmuma, grazzi għall-miżuri ta' ristrutturar u riekwilibriju meħuda fi ħdanha, fosthom il-ħatra ta' diriġenza ġdida u l-iżvilupp minn din tal-aħħar tal-pjan Ambition 2005 bejn Ottubru u Diċembru 2002, li inkluda b'mod partikolari l-implimentazzjoni ta' pjan ta' titjib fil-prestazzjoni operattiva tal-intrapriża, imsejjaħ il-"pjan TOP".

(153) Biex jivvalutaw is-self minn azzjonist, fuq kollox għandu jiġi determinat jekk il-parteċipazzjoni fit-tisħiħ tal-fondi proprji tissodisfax il-kondizzjonijiet normali tas-suq.

5.3.1. *Il-parteċipazzjoni fit-tisħiħ tal-fondi proprji*

(154) Il-parteċipazzjoni ta' Franza fit-tisħiħ tal-fondi proprji kienet soġġetta għall-preżentazzjoni lis-suq ta' pjan ta' ristrutturazzjoni kredibbli ta' FT. Il-pjan Ambition 2005 u l-pjan TOP flimkien jiffurmaw pjan koerenti, komplut u razzjonali. B'mod partikolari, dan jiġġenera EUR 15-il biljun ta' fluss ta' flus kontinġenti permezz ta' titjib operattiv u disponimenti ta' assi li ma jxekklux lin-negozji ewlenin.

(155) Il-pjan TOP jikkostitwixxi sforz konsiderevoli minn FT. Huwa pjan globali għall-orjentazzjoni mill-ġdid tal-ġestjoni bbażata fuq azzjonijiet konkreti. L-awtoritajiet Franċiżi ppreċiżaw li l-pjan jippermetti li jiżdied ir-redditu tal-Intrapriża b'rata ta' ritorn fuq l-investiment (TRI) ta' 43 % sal-2005 għall-investituri li pparteċipaw fiż-żieda tal-kapital f'April 2003, jiġifieri rendiment ħafna ogħla mir-rata mit-TRI ta' referenza (11 %) mistennija minn investitur privat fis-settur tat-telekomunikazzjonijiet. Il-pjan TOP jinkludi wkoll komponent tal-ottimizzazzjoni tal-ġestjoni tal-forza tax-xogħol.

(156) Fir-rigward tar-rendiment mistenni, l-awtoritajiet Franċiżi ppreċiżaw li r-rispett tal-prinċipju tal-investitur privat diliġenti jintwera wkoll mill-perspettivi ta' redditu għoli tal-pjan TOP, li ġew ikkonfermati mill-fatt li dan intlaqa' b'mod favorevoli fis-suq. Il-prezz tal-ishma ta' FT irkupra fit-2 ta' Ottubru 2002 (żieda ta' aktar minn 10,4 % matul il-ġimgħa tat-2 ta' Ottubru) wara t-tħabbira tal-ħatra tad-diriġenza l-ġdida, u ż-żieda fil-prezz tal-ishma kompliet u żdiedet bit-tħabbira tal-pjan TOP u bil-kumitat eżekuttiv il-ġdid tal-5 ta' Diċembru 2002, li rriżultaw f'żieda ta' aktar minn 25 % f'jumejn.

(157) It-twettiq taż-żieda tal-kapital inbdiet hekk kif kien teknikament possibbli li jiġu ppreżentati lill-investituri stqarrijiet aġġornati dwar il-perspettivi operattivi ta' FT.

(158) L-Istat diġà kien ikkommetta ruħu, soġġett għall-preżentazzjoni fis-suq ta' pjan kredibbli, mal-sindikat bankarju u kellu l-elementi kollha f'idejh mill-aħħar ta' Novembru biex jevalwa l-fatt li din il-kondizzjoni kienet se titneħħa, wara li osserva r-reazzjoni pożittiva tas-swieq mill-ħatra tad-diriġenti l-ġodda. Minbarra l-impenn mogħti minn sindikat bankarju f'Settembru 2002, li jiggarantixxi, fir-rigward tal-parti ddestinata għall-investituri privati, it-twettiq b'suċċess ta' żieda fil-kapital ta' FT, jeħtieġ li jitqiesu elementi essenzjali oħrajn, jiġifieri l-bejgħ ta' assi

([58]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' Lulju 2015, Franza vs il-Kummissjoni, T-425/04 RENV u T-444/04 RENV, ECLI:EU:T:2015:450, punt 220; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Mejju 2003, l-Italja u SIM 2 Multimedia SpA vs il-Kummissjoni, C-399/00 et C-328/99 ECLI:EU:C:2003:252, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata.

([59]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' Lulju 2015, Franza vs il-Kummissjoni, T-425/04 RENV u T-444/04 RENV, ECLI:EU:T:2015:450, punt 251.

([60]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Marzu 2013, Bouygues u Bouygues Télécom vs il-Kummissjoni e. a. u l-Kummissjoni vs Franza e. a., C-399/10 P u C-401/10 P, ECLI:EU:C:2013:175, punti 127 sa 131.

mhux strateġiċi bejn Lulju u Diċembru 2002, li kienu jammontaw għal madwar EUR 2,5 biljun, l-implementazzjoni f'Ottubru 2002 ta' tim amministrattiv ġdid għall-impriża u r-riżoluzzjoni, f'Novembru 2002, ta' kawża bejn FT u l-operatur Ġermaniż Mobilcom ([61]). Dawn l-elementi kollha wasslu għal titjib sinjifikattiv tal-perspettivi operazzjonali u tal-prestazzjonijiet ta' FT matul it-tieni semestru tas-sena 2002.

(159) Meta ttieħdet id-deċiżjoni favur l-investiment, FT ma kinitx kumpanija f'diffikultà skont it-tifsira tal-Linji Gwida. Tabilħaqq, il-fatturat tal-kumpanija kien qed jikber b'mod regolari (sa 10 % bejn l-ewwel nofs tal-2001 u l-ewwel nofs tal-2002), il-marġni gross tal-finanzjament proprju tagħha kien għoli u baqa' jikber aktar malajr mill-fatturat tagħha. L-awtoritajiet Franċiżi ppreċiżaw li t-telf kien prinċipalment dovut għal dispożizzjonijiet u amortizzamenti eċċezzjonali relatati ma' deprezzament ta' assi li qabel kienu akkwistati qabel it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku li kien kompletament imprevedibbli. Huma rrimarkaw ukoll li l-ispejjeż operattivi ta' FT kienu qed jikbru b'ritmu inqas mgħaġġel mill-fatturat, u dan kien ifisser li l-profittabbiltà tagħha kienet qed tiżdied. Barra minn hekk, id-dħul u l-fluss ta' flus kontinġenti operattivi kienu qed jiżdiedu (iktar minn 15 % għall-fluss ta' flus kontinġenti meta mqabbel mal-ewwel nofs tal-2001). Dawn il-prestazzjonijiet ġew ikkonfermati meta ġew ippubblikati l-kontijiet tal-2002. FT ma baqgħetx f'sitwazzjoni ta' insolvenza.

(160) FT kellha aċċess għas-swieq finanzjarji matul l-2002, u l-istrumenti ta' finanzjament kollha kienu disponibbli għal FT bejn il-11 ta' Lulju 2002 u l-15 ta' Jannar 2003 ([62]). L-awtoritajiet Franċiżi semmew b'mod partikolari l-fatt li fl-14 ta' Frar 2002, FT innegozjat l-istabbiliment ta' linja sindakalizzata ta' kreditu ta' EUR 15-il biljun u li kienet wettqet ħruġ ta' bonds matul is-sena 2002 ([63]), li EUR 442,2 miljuni minnhom kienu bonds li jistgħu jinfdew f'ishma.

(161) Il-fiduċja tas-suq fl-irkupru tal-pożizzjoni finanzjarja ta' FT tista' tiġi bbażata wkoll fuq il-fatt li t-telf kien prinċipalment dovut għal dispożizzjonijiet u amortizzamenti eċċezzjonali relatati ma' deprezzament ta' assi miksuba qabel it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku kompletament imprevedibbli u fuq il-fatt li l-ispejjeż operattivi ta' FT kienu qed jikbru b'ritmu inqas mgħaġġel mill-fatturat. Barra minn hekk, id-dħul u l-fluss ta' flus kontinġenti operattivi kienu qed jiżdiedu.

(162) L-Istat azzjonist ħa l-miżuri kollha biex jiżgura l-parteċipazzjoni ta' azzjonisti pubbliċi u privati fit-tisħiħ tal-kapital ta' FT. B'hekk, it-tħabbira tal-intenzjoni tal-Istat li jipparteċipa fit-tisħiħ tal-fondi proprji, tat-12 ta' Settembru 2002 ([64]) u, f'dik id-data, is-sindikat bankarju kien diġà impenja ruħu li jwieġeħ sa ċertu żmien partikolari, it-tlestija b'suċċess tal-parti taż-żieda tal-kapital maħsuba għall-investituri privati flimkien mal-azzjonist pubbliku, bil-kondizzjoni li jitħabbar pjan ta' riekwilibriju kredibbli lis-suq. Skont l-awtoritajiet Franċiżi, il-parteċipazzjoni tal-Istat kienet ukoll soġġetta għat-tħabbira ta' pjan meqjus kredibbli mis-suq, u l-Istat ma kienx ikkommetta ruħu b'mod formali qabel l-impenn formali tal-banek. Il-kondizzjonijiet tal-operazzjoni kienu l-istess għall-korpi pubbliċi u l-operaturi privati kollha li ppartecipaw fit-tisħiħ tal-fondi proprji.

(163) Barra minn hekk, il-EUR 15-il biljun tal-azzjonisti jikkostitwixxu biss terz tal-fondi mmobilizzati b'appoġġ għar-ristrutturar finanzjarju ta' FT.

5.3.2. *L-offerta ta' self minn azzjonist u t-tħabbira tal-4 ta' Diċembru 2002*

(164) Ladarba l-kondizzjoni li għaliha kien soġġett l-impenn tas-sindakat bankarju, jiġifieri t-tħabbira lis-suq ta' pjan ta' riekwilibriju kredibbli, l-Istat ħabbar fl-4 ta' Diċembru 2002, is-self minn azzjonist lil FT.

(165) F'dawn iċ-ċirkostanzi partikolari, kien ikun raġjonevoli għal operatur privat diliġenti li jkun fl-eqreb kondizzjonijiet possibbli tal-Istat, l-azzjonist maġġoritarju ta' FT, li jagħti tali appoġġ orali lil dan tal-aħħar. Is-self mogħti mill-Istat, l-azzjonist maġġoritarju, għall-investiment ippjanat, kien operazzjoni b'riskju baxx, profitabbli u abitwali - matul it-tentattiv taż-żieda fil-kapital (b'kondizzjonijiet ugwali) - biex jiġu protetti l-interessi kapitali tal-azzjonist maġġoritarju peress li ma kienx possibbli li ssir ir-rikapitalizzazzjoni ta' FT f'Diċembru minħabba raġunijiet ta' skedar.

([61]) Dawn l-elementi huma rilevanti skont is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' Lulju 2015, Franza vs il-Kummissjoni, T-425/04 RENV u T-444/04 RENV, ECLI:EU:T:2015:450, punt 230.

([62]) L-awtoritajiet Franċiżi b'mod partikolari semmew ħruġ ta' bonds, linji ta' kreditu, karti kummerċjali, self fuq żmien qasir, operazzjonijiet ta' titolizzazzjoni u derivattivi.

([63]) Mis-26 ta' Lulju 2002 sal-preżentazzjoni tal-pjan Ambition 2005 tal-4 ta' Diċembru 2002, FT ħarġet self obbligazzjonarju ta' EUR 70 miljun fis-26 ta' Lulju 2002 u ħarġet porzjon ta' EUR 150 miljun funġibbli mas-self obbligazzjonarju ta' EUR 3,5 biljun li kien inħareġ f'Marzu 2001.

([64]) Kummenti mill-awtoritajiet Franċiżi tad-29 ta' Lulju 2003, p. 8.

(166) Filfatt, kif tispjega FT, it-tieqa tal-ftuħ tas-swieq tonqos konsiderevolment fl-aħħar ta' Novembru. L-investituri għandhom iqisu l-għeluq tal-kontijiet tagħhom sal-31 ta' Diċembru, li hija operazzjoni kbira ħafna u diffiċli biex tiġi ġestita. Barra minn hekk, l-iskadenza tal-konvokazzjoni ta' laqgħa ġenerali straordinarja biex tawtorizza t-twettiq ta' żieda tal-kapital hija ta' mill-inqas ta' 15-il jum, u t-twettiq tal-operazzjoni teħtieġ 30 jum.

(167) Is-self huwa temporanju u jservi bħala selfa tranżitorja għaż-żieda tal-kapital li ħafna elementi jissuġġerixxu li se tkun ta' suċċess. FT taw bosta eżempji ta' self minn azzjonisti mogħti fiż-żmien tal-fatti biex isostnu li self minn azzjonist maġġoritarju li se jkun ikkonvertit f'kapital fi żmien iż-żieda tal-kapital huwa operazzjoni normali.

(168) Is-self minn azzjonist minn Italenergia Bis lil Edison ta' EUR 1 biljun ġie konvertit f'kapital fl-okkażjoni ta' żieda tal-kapital ta' Edison fl-2003.

(169) Bħala preparazzjoni għal ristrutturar u għall-introduzzjoni fil-borża ta' Thus fuq il-London Stock Exchange, Scottish Power tat self ta' GBP 320 miljun li minnhom GBP 260 miljun ġew ikkonvertiti f'kapital; il-bilanċ mhux miġbud ġie kkanċellat.

(170) Fl-2002, America Movil u Bell Kanada International ipparteċipaw fir-ristrutturar finanzjarju tal-impriża konġunta tal-Amerika t'Isfel Telecom Americas, flimkien ma' investitur ieħor. $ 120 miljun tħallsu fil-forma ta' self minn azzjonist li kellhom jiġu ffinanzjati mill-ġdid sentejn wara f'ishma ta' Telecom Americas.

(171) Matul iż-żieda tal-kapital ta' Ericsson, l-impenn tal-azzjonist ewlieni (*Industrivärden* et *Investor*) kien parti mit-tħabbira tal-intrapriża f'April 2002, meta l-operazzjoni ma kinitx awtorizzata qabel Ġunju 2002 u tnediet f'Awwissu tal-istess sena.

(172) Fil-każ taż-żieda tal-kapital ta' Fiat f'Lulju 2003, l-intenzjoni tal-azzjonisti ta' referenza li ssottoskrivew għal ishma ġodda li kienu jikkorrispondu mas-sehem tagħhom ġiet ippubblikata f'Marzu 2003.

(173) Fid-dawl ta' dawn l-eżempji u tas-sitwazzjoni partikolari ta' FT f'Diċembru 2002, il-Kummissjoni ma tistax teskludi li f'Diċembru 2002 l-Istat aġixxa bħalma kien jagħmel operatur privat diliġenti fl-ekonomija tas-suq fl-iżjed sitwazzjoni simili possibbli għal tiegħu, bħala azzjonist maġġoritarju ta' FT.

5.3.3. *Konklużjoni*

(174) Il-miżura eżaminata, jiġifieri t-tħabbira tas-self minn azzjonist tal-4 ta' Diċembru 2002, flimkien mal-offerta tas-self minn azzjonist tal-20 ta' Diċembru 2002, tissodisfa l-kriterju tal-investitur privat diliġenti fl-ekonomija tas-suq. Għalhekk, din il-miżura m'għandhiex titqies li tikkostitwixxi vantaġġ għal FT.

5.4. **Il-kondizzjonijiet l-oħrajn stipulati mill-Artikolu 107(1) tat-TFUE**

(175) Skont ġurisprudenza stabbilita, il-klassifikazzjoni bħala għajnuna mill-Istat, fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, titlob li l-kondizzjonijiet kollha msemmija minn din id-dispożizzjoni jiġu ssodisfati ([65]). Fin-nuqqas ta' vantaġġ għal FT minn riżorsi tal-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, m'għadux aktar meħtieġ li jiġi analizzat jekk il-kondizzjonijiet l-oħrajn meħtieġa biex tiġi aċċertata għajnuna humiex issodisfati.

6. **KONKLUŻJONIJIET**

(176) Il-Kummissjoni tinnota li s-self minn azzjonist mogħti minn Franza lil FT f'Diċembru 2002 fil-forma ta' linja ta' kreditu ta' EUR 9 biljuni ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-self minn azzjonist mogħti minn Franza lil France Télécom f'Diċembru 2002 fil-forma ta' linja ta' kreditu ta' EUR 9 biljuni ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

([65]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni vs Deutsche Post, C-399/08 P, ECLI:UE:C:2010:481, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata.

Artikolu 2

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Mejju 2018.

Għall-Kummissjoni
Margrethe VESTAGER
Membru tal-Kummissjoni